**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 17 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Joseph Calleja**

Illum 22 ta' Settembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Calleja detentur tal-karta tal-identita Maltija 655056M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-5 ta' Lulju, 2017, u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel ghalih b'qerq ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000) ghad-dannu tal-kumpanija Bank of Valletta Limited.

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-agenzija Identity Malta u ghall-Gvern ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, ghal xi vantagg privat tieghu jew ghal beneficcju ta' xi persuni jew entita' ohra, ghamel uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, jew jisraqhom.

4. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi kiteb atti li jidhlu fid-dmirijiet tal-kariga tieghu, biddel bil-qerq is-sustanza jew ic-cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew iddettati jew maghmula mill-partijiet, kemm billi jiddikjara bhala veri fatti foloz, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma jkunux.

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu min xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif kontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lil akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- Fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 127 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 180 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 189 u 190 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Att Kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 189, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tat-tieni u tal-hames imputazzjoni, illiberatu mill-akkuzi l-ohra kollha, u ikkundannatu ghal 4 snin prigunerija.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €4,242.13 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hati jhallas lura lil Agenzija Identity Malta s-somma ta' €44,456.[2]

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bhal li kieku nghatat f' kawza civili bejn l-imputata u l-parte leza.

---

[1] Fol.1377

[2] Bilanc tas-somma dovuta

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Calleja, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tikkonferma fejn ma sabitx lill-esponenti hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni
2. Thassarha in kwantu sabet lill-esponenti hati tat-tieni u tal-hames imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjonijiet; u
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b' mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b' piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

A. **<u>Dwar l-Akkuza ta' mizapproprjazzjoni u l-provi prodotti</u>**

Illi permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward ta' din l-imputazzjoni kkonkludiet illi:

> *"Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-provi migjuba, mhemmx dubbju li prosekuzzjoni soddisfacentement ippruvat il-kaz taghha in kwantu ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita, it-tieni imputazzjoni, li kif intqal fiha jinkwadra l-ghemil tal-imputat u mhux dak ta' frodi, l-ewwel imputazzjoni."*[3]

*In oltre* il-Qorti ddecidiet ukoll illi:

> *"Dan iwasssal lill-Qorti tikkonkludi li l-imputat approprija ruhu indebitament ta' xejn anqas minn €53,017 liema flejjes gew fdati lilu fil-kors tal-impjieg tieghu bil-ghan li jigu depozitati l-Bank of Valletta f' kont intestat fuq l-Agenzija Identity Malta"*

[3] Fol. 47 tas-sentenza appellata

Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni generalment l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni, ossia:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun giet trasferita lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita' , li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l' animo di spostarsi del possesso;

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f' dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju jaghmel tieghu l-haga cioe japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;

5. Illi s-suggett attiv tar-reat ikollu l-intenzjoni li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor.

Ghandu jigi nnuttat ukoll kif tali elementi mhumiex alternattivi izda huma elementi kumulattivi u jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-elementi kollha.

Minn dan l-insenjament, l-esponenti bir-rispett jisottometti illi l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali illi tipprova l-allegata intenzjoni specifika illi l-flus illi kienu qeghdin jigu fdati lilu sabiex jigu depozitati, idawwarhom daqslikieku kienu tieghu u juzahom u/jew jiddisponi minnhom bi profit ghalih jew ghal haddiehor.

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kumissjoni ta' dana ir-reat l-esponenti jaghmel pjena referenza ghas-sentenza **' Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

*"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta' , a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' , della conversione con scienza della sua illegittimita' e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale."*

*Di piu'* fis-sentenza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Ivan Vella'** deciza nhar it-3 ta' Ottubru, 2001 minn dina l-Onorabbli Qorti gie ritenut illi:

*"Dana l-agir min-naha tieghu ma iridx jammonta ghal semplicement uzu tal-oggett,*

*izda l-agent irid iqies illi dak l-oggett sar proprjeta' tieghu u ghalhekk jaghmel uzu minnu bhala sid tieghu u dana bi profitt ghalih."*

Meta dina l-Onorabbli Qorti sejra tevalwa l-provi illi effettivament gew prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, sejjer jigi nnuttat illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi kollha li jsawwru dan ir-reat.

Abbazi tal-gurisprudenza hawn fuq citata, jirrizulta bl-aktar mod car illi kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova mhux biss illi effettivament il-flus mghoddija lill-esponenti ma gewx utilizzati ghall-istess ghan illi gew mghoddija lilu,

izda kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni illi tipprova illi dan sar min-naha tal-esponenti b' intenzjoni specifika illi jaghmel profit ghalih nnifsu jew ghal haddiehor.

Dan huwa element krucjali illi donnha l-Prosekuzzjoni ghogobha titfghu fil-genb u tiffokka biss fuq il-fatt illi d-depoziti ma kienux qeghdin isiru l-ghada li jigu mghoddija l-flus lill-esponenti.

Fid-dawl tas-su espost qieghda ssir referenza ghan-noti tal-Profs Mamo dwar l-intenzjoni kriminuza illi effettivament trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni:

> **"Intention, in general, is the purpose or design with which an act is done. It is the fore-knowledge of the act; coupled with the desire of it; such fore-knowledge and desire being the cause of the act, in as much as they fulfil themselves through the operation of the will. An act is intentional if, and in so far as, it exists in idea before it exists in fact, the idea realising itself in the fact because of the desire by which it is accomplished. "Intent", says Holmes (Common Law; P53) "will be found to resolve itself into two things: foresight that certain consequences will follow from an act, and the wish for those consequences working as a motive which induces the act. Intention generally is thus the combined operation of the intellect and the will: it is the striving of the will towards a certain end represented as desirable by the intellect."**

Minkejja dan kollu, ghalkemm il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi l-esponenti kien qieghed jiddepozita il-flus mghoddija lilu tardivament madanakollu certament naqset milli tipprova illi dan kien qieghed isir bl-intenzjoni specifika tal-esponenti illi jaghmel qliegh jew profit minn tali flejjes u juzahom daqslikieku kien is-sid taghom.

Ghal kuntrarju, l-esponenti jaghti spjegazzjoni cara ghar-raguni wara l-fatt illi kien qieghed jiddepozita l-flus mghoddija lilu tardivament. L-esponenti jispjega kif madwar hmistax -il xahar qabel ma effettivament il-Pulizija bdew jinvestigaw dan l-agir, huwa kien tilef envelope mimli flus, liema flus kienu propjeta' tal-Agenzija Identity Malta.

Minflok informa lill-amministrazzjoni b' dan l-izbal;, l-esponenti iddecieda illi jirkupra l-flejjes mitlufa billi jimla l-imsemmija deposit bags kemm bil-flus migbura

fil-granet sussegwenti kif ukoll bi flusu stess, u jiddepozita is-security bag illi suppost kellha tigi depozitata qabel, tardivament. Fil-fatt kif jispjega l-esponenti bil-gurament tieghu, huwa dam jipprova jirkupra tali flus u jiddepozita s-security bags tardivament ghal xhur shah.

Illi ghalkemm fl-umli fehma tal-esponenti, huwa setgha jinforma lill-amminsitrazzjoni b' dan l-izball minnufih minflok jipprova jsolvi l-problema li nholqot wahdu, madanakollu dan ma jfissirx li l-esponenti kkommetta misapproprijazzjoni.

Skond it-taghlim supra citat sabiex l-appellant setgha jinstab hati ta' misapproprijazzjoni irid jigi ppruvat illi dan l-agir kien qieghed isir bl-intenzjoni specifika tal-appellant illi jaghmel profit ghalih nnifsu jew ghal haddiehor.

Tifli kemm tifli l-atti processwali din l-intenzjoni ma tirrizulta minn imkien.

Ghal kuntrarju, l-uniku intenzjoni li tirrizulta mill-provi prodotti hija l-intenzjoni tal-esponenti li jaghmel dak kollu li huwa possibbli sabiex ma jinfurmax lill-amministrazzjoni b' dan l-izball u jipprova jirkupra l-flus minghajr ma jinqabad u dana sabiex ma jitlifx xoghlu!!

Illi indubbjament tali agir ma jammontax ghar-reat ta' mizapproprijazzjoni.

Lanqas ma gie ppruvat illi l-esponenti ghamel xi forma ta' profit minn dan l-agir.

Minkejja li dan il-profit ma jista' jirrizulta minn imkien ghax lanqas dan ma jezisti, permezz tas-sentenza appellata senjatament a fol. 41 saru diversi supposizzjonijiet – liema supposizzjonijiet huma bla bazi u certament ma ghandhom l-ebda lok fi process penali.

Fil-fatt a fol. 40 u 41 tas-sentenza appellata issir referenza ghal pagament ta' €44,000 illi l-esponenti rcieva minghand il-Mortgage Service Contracts tal-HSBC u donnu qieghed jigi **<u>insinwat</u>** illi b' xi mod jew iehor dan il-pagament ghandu xi konnessjoni mal-agir tal-appellant fuq il-post tax-xoghol tieghu.

Fil-fatt fis-sentenza appellata nghad illi:

> "Hu ferm indikattiv li l-ammont ta' flejjes dovuti lil Identity Malta hu dak ta' €44,456. Fil-waqt li l-imputat fl-istqarrija tieghu li ttiehdet f'

Lulju, 2018, semma' kif madwar hmistax -il xahar qabel kien rema l-flejjes, il-Qorti ma tistax ma tinnutax li dan id-depozitu qawwi ta' aktar minn €44,000 sar f' Mejju, 2017 erbatax -il xahar qabel mal-imputat gie interrogat"

Kieku l-Prosekuzzjoni kellha xi suspetti dwar tali transazzjoni, kien jinkombi fuq l-istess Prosekuzzjoni iggib provi li juru ghaliex l-esponenti rcieva aktar minn €44,000 mill-bank HSBC. Anzi, f'dan il-kaz, l-ufficjali prosekuturi, elevaw minghand l-esponenti mhux biss kuntarr ta' xiri u bejgh, fejn l-esponenti kien il-bejjiegh, izda ukoll ikkonfermaw li l-ammont misjub fil-kont bankarju tal-esponenti kien proprju derivanti min tali bejgh ta' proprjeta` u kien ghalhekk li l-istess prosekuzzjoni ma akkuzatx lill-esponenti bi ksur tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba li bejn l-amont depositat fil-kont bankarju tal-esponenti u t-telf patrimonjali li soffriet Identity Malta ma hemm l-ebda nexus!

L-onus probandi f' dan il-kaz kien fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq l-esponenti kif donnu qieghed jigi implikat. Gialadarba baqa' ma giex ippruvat li l-ammont depositat huwa l-*avaritiam male* tal-kaz de quo, is-sentenza appellata hija zbaljata meta taghmel tali supposizzjonijiet u din l-insinwazzjoni tibqa' biss insinwazzjoni u xejn aktar.

Ghaldaqstant a bazi ta' dak su espost, l-esponenti jemmen bis-shih illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi kollha li jsawwru r-reat ta' misappproprijazzjoni u konsegwentament tenut kont tal-massima legali '*in dubio pro reo*' id-dubju kellu jigi interpretat favur l-appellant u mhux bil-kontra.

**B. <u>Dwar il-Piena</u>**

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost, l-esponenti huwa tal-fehma li diversi cirkustanzi kellhom ikunu ikkunsidrati ghall-fini ta' piena.

Illi permezz tas-sentenza appellata, l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati tat-tieni u tal-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u inter alia kkundannatu ghal erba' (4) snin prigunerija kif ukoll ai termini tal-artikolu 532A

tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-esponenti jhallas lura lill-Agenzija Identity Malta s-somma ta' €44,456

**B.1 Generali**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li **"l-piena m' ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.**

> **Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."**[4]
>
> L-istess Qorti fis-sentenza moghtija fil-kawzi ' Il-Pulizija vs Maurics Agius'[5] sahqet illi "h**uwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac- cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija."**

**B.2 Dwar ir-Riforma tal-Hati**

Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'[6], il-piena ghandha tigi kkunsidrata "**mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet**

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef deciza nhar it-28 ta' Novembru, 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef V. DeGaetano, Onor Imhallef J. A. Filletti u Onor. Imhallef D. Scicluna

[5] Deciza nhar it-13 ta' Novembru, 2009 per Onor. Imhallef V. DeGaetano

[6] Deciza nhar it-22 ta' Settembru, 2013

**fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay' ."**

Fid-dawl ta' dan it-taghlim u fid-dawl tal-kuntest tal-kaz odjern, l-esponenti legittitament u ragjonevolment isaqsi:

1. Ghalfejn fil-kaz tieghu, l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset illi fid-dawl tac-cirkostanzi odjerni, piena ta' prigunerija effettiva hija wahda ekwa u gusta?
2. L-esponenti x' sejjer jiehu minn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin?
3. Il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kif sejra tirriforma lill-esponenti, persuna li ghajr il-kaz odjern qatt ma xellef difru mal-gustizzju u li sa issa ghandu fedina penali netta?
4. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-Ewwel Qorti emmnet li jehtieg li l-esponenti jirriforma ruhu, pero' hemm xi haga li effettivament jehtieg li tigi rifurmata meta l-veru raguni wara dan l-agir kien sabiex jitranga zball fuq il-post tax-xoghol?
5. Jezisti xi dubju, illi kemm l-izball illi l-esponenti ghamel fuq il-post tax-xoghol kif ukoll dawn il-proceduri mhux ser jittimbraw hajjet l-esponenti ghal dejjem

L-esponenti jemmen illi l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gudizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum u konsegwentament jemmen illi l-piena ghandha tigi riformata.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti huma s-segwenti:

1. Fil-5 ta' Lulju 2017, il-Pulizija gew infurmati dwar suspett li kien hemm dwar impjegat tal-Identity Malta[7] fis-sezzjoni tal-passaporti u cioe' l-appellant dwar flus li kienu gew nieqsa mill-istess ufficju;

2. Jirrizulta li meta l-appellant gie avvicinat minn ufficjali tal-Identity Malta u mistoqsi ghala d-depoziti fil-bank ma kienux qeghdin isiru fil-hin, l-imputat spjegalhom li kien rema jew tielef envelop b'ammont ta' flus bi zball;

3. Irrizulta li dak in-nhar stess u cioe' fil- 5 ta' Lulju 2017 minn gewwa il-basket personali tieghu, l-appellant hareg deposit bags tal-Bank of Valletta b'xi flus u cekkijiet fihom kemm mill-lunch box tieghu u anke mill-iskrivanija. Hareg anke flus mill-but;

4. Fit-tfittxija maghmulha mill-Pulizija fir-residenza tal-appellant ukoll instabu Bank of Valletta deposit bags bi flus anqas minn dak li suppost kellu jkun fihom dawn il-boroz;

5. Irrizulta ukoll li kienu saru emendi fuq dokumenti rigwardanti boroz li suppost kellhom ikunu depozitati l-bank fejn jirrizulta li certu numru ta' referenza ta' certu boroz tnizzlu doppju, u cioe' meta verament gew depozitati u anke meta ma kienux gew depozitati;

6. L-imputat spjega li xhur qabel kien tilef jew rema' xi borza bil-flus u kien ghalhekk li kien qieghed jiddepozita l-ammonti tardivament fis-sens li beda jirkupra l-flejjes mitlufa billi jimla l-imsemmija deposit bags kemm bil-flus migbura fil-granet sussegwenti kif ukoll bi flusu stess, u jiddepozita is-security bag illi suppost kellha tigi depozitata qabel, tardivament;

7. Illi sussegwentement inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

L-ewwel aggravju tal-appellant si trattta dwar l-akkuza ta' mizappropriazzjoni u l-provi prodotti. L-appellant jissottometti li kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, generalment l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni u cioe' li l-pussess tal-haga jkun giet trasferita lis-suggett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun.

[7] Skont l-employment history prezentat a fol 1146, l-imputat kien registrat li jahdem mal-Ufficcju tal-Prim Ministru.

Jisottometti li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'*animo di spostarsi del possesso*. Li t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffigurax l-element tal-azzjoni ndebita. L-oggett irid ikun mobbli, l-konsenjatarju jaghmel tieghu l-haga cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio u li s-suggett attiv tar-reat ikollu l-intenzjoni li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor. Jissottometti li l-elementi mhumiex alternattivi izda huma elementi kumulattivi u jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-elementi kollha. Jissottometti li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova l-allegata intenzjoni specifika li l-flus illi kienu qeghdin jigu fdati lilu sabiex jigu depozitati, idawwarhom daqs li kieku kienu tieghu u juzahom u/jew jiddisponi minnhom bi profit ghalih jew ghal haddiehor. Jissottometti li l-Prosekuzzjoni kellha mhux biss tipprova li effettivamnet il-flus mghoddija lill-appellant ma gewx utilizzati ghall-istess ghan illi gew mghoddija lilu, izda kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova li dan sar min naha tal-appellant b'intenzjoni specifika li jaghmel profit ghalih innifsu jew ghal haddiehor. Ghalkemm il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi l-appellant kien qieghed jiddepozita il-flus mghoddija lilu tardivament madankollu l-appellant jishaq li certament li naqset milli tipprova illi dan kien qieghed isir bl-intenzjoni specifika li jaghmel qlieh jew profit minn tali flejjes u juzahom daqs li kieku kien is-sid taghhom. Jghid li huwa jaghti spjegazzjoni cara ghar-raguni wara l-fatt li kien qieghed jiddepozita l-flus mghoddija lilu tardivament. Jispjega kif madwar hmistax-il xahar qabel ma effettivament il-Pulizija bdew jinvestigaw dan l-agir, huwa kien tilef envelope mimli flus, liema flus kienu propjeta' tal-Agenzija Identity Malta. Minflokk informa lill-amministrazzjoni b'dan l-izball, l-appellant iddecieda li jirkupra l-flejjes mitlufa billi jimla l-imsemmija deposit bags kemm bil-flus migbura fil-granet sussegwenti kif ukoll bi flusu stess, u jiddepozita is-security bag illi suppost kellha tigi depozitata qabel, tardivament. Jghid li dam jipprova jirkupra tali flus u jiddepozita s-security bags tardivament ghal xhur shah. Ghalkemm setgha jinforma lill-amministrazzjoni b'dan l-izball minnufih minflokk jipprova jsolvi l-problema li nholqot wahdu, madankollu dan ma jfissirx li l-appellant kkommetta misapproprjazzjoni. Jissottometti li tifli kemm tifli l-atti processwali, din l-intenzjoni

ma tirrizulta minn imkien. L-unika intenzjoni li tirrizulta mill-provi prodotti hija l-intenzjoni tal-appellant li jaghmel dak kollu li huwa possibli sabiex ma jinfurmax lil-amministrazzjoni b'dan l-izball u jipprova jirkupra l-flus minghajr ma jinqabad u dan sabiex ma jitlifx xoghlu. Jissottometti li tali agir ma jammontax ghar-reat ta' misapproprjazzjoni u li lanqas ma gie ppruvat li l-appellant ghamel xi forma ta' profit minn dan l-agir. Jissottometti li l-profit ma jista' jirrizulta minn imkien ghax lanqas dan ma jezisti u li fis-sentenza saru diversi supposizzjonijiet li huma bla bazi u li ma ghandhom l-ebda lok fi process penali fosthom dwar il-pagament ta' 44,000 li l-appellant rcieva minghand il-Mortgage Service Contracts tal-HSBC u donnu gie insinwat li b'xi mod jew iehor dan il-pagament ghandu xi konnessjoni mal-agir tal-appellant fuq il-post tax-xoghol tieghu. L-onus probandi f'dan il-kaz kien fuq il-prosekuzzjoni u mhux fuq l-appellant kif donnu qieghed jigi implikat. Gialadarba baqa ma giex ippruvat li l-ammont depositat huwa l-*avaritiam male* tal-kaz de quo, is-sentenza appellata hija zbaljata meta taghmel tali supposizzjonijiet u din l-insinwazzjoni tibqa' biss insinwazzjoni u xejn aktar. L-appellant jaghmel referenza ghal massima legali *in dubio pro reo*.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk l-appell tal-appellant huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Raymond Azzopardi'**[8]

*'...din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal- Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "unsafe and unsatisfactory".*

*Hekk gie ritenut li :-*

*"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et." [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )*

*u*

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2003 (Appell Kriminali numru: 199/2002)

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal- istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.1994] , "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn.)'*

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tqis jekk tirrizultax l-imputazzjoni ta' approprjazzjoni in debita stante li l-appell huwa principarjament ibbazat fuq is-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni. L-Ispettur Priscilla Caruana Lee fis-seduta tat- 2 ta' Awissu 2017 spjegat dak li gie raportat fil- 5 ta' Lulju 2017 u cioe' li ufficjali kien '*irrizultalhom li kien hemm diskrepanzi u kien hemm xi trasferimenti llegali fejn flus gew nieqsa mill-istess ufficju. Huma, minn naha taghhom indikaw lis-Sinjur Joseph Calleja li kien responsabbli tas-Section tal-Passport Office, fejn hemmhek huma avvicinawh gewwa l-imsemmi ufficju u spjegawlu x' kienet ir-raguni l-ghala ma' kienx qed jaghmel deposit tal-flus fil-gurnata li suppost dawn kellhom jgu depozitati. Huwa spjegalhom illi u beda jgibilhom l-iskuzi, fejn minn hemm hekk marru fuq id-desk tieghu u hemmhekk gewwa l-basket personali tieghu sabu borza, deposit bag tal-BOV b' xi flus u cekkijiet fiha. U kif ukoll fil-but tieghu, tal-jeans hareg ammont sostanzjali ta' flus. Huma spjegaw illi dawn il-boroz suppost jigu depozitati l-ghada, meta ssir ir-reconciliation, permezz tas-Security jigi hemmhekk bil-cash van u jigu depozitati lilu, fejn hemmhekk timtela formola, li tigi ffirmata kemm mill-persuna li tkun mal-cash van u kemm mill-persuna li ghaddielhom il-boroz. Minn naha taghhna, ahna gibna lis-Sur Joseph Calleja gewwa l-Ghassa tal-Belt, fejn qabel ikkonsulta ma' Dr Josette Sultana, fejn dina giet l-Ghassa u kelmitu gewwa l-Ghassa tal-Belt. Hemmhekk wara bdejna l-investigazzjoni taghna, fejn irrizulta illi l-flus li nstabu gewwa l-but tas-Sinjur kien hemm €800, bl-€20 notes. U €700 b'€50 notes. Mill-basket personali tieghu nharget borza BOV, safe deposit bag bin-numru 2618721, li fiha kien hemm 3 cekks, bl-ammont totali ta' €256, u ammont ta' cash li jammonta ghal €895. U nstabet ukoll safe deposit bag bin-numru 2618716, li ma' kienetx ghada ssiljata, fl-ufficju tieghu, fejn fiha kien hemm 7 cekkijiet bl- ammont totali ta' €456 u ammont totali ta' cash ta' €5254. Dawna gew mghoddija fil-presenza ta' rapprezentanti tal-ID Malta, gewwa l-Ghassa tal-Belt...*' Spjegat ukoll li saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn '*Huwa hadna fil-kamra ta' fuq, jigifieir huwa maisonette u fuq nett qabel tohrog ghall-bejt hemm kamra fejn hemmhekkk hareg basket kannella, fejn gewwa fih kien hemm diversi safe deposit bags. Kien hemm 7 b' kollox. gewwa l-imsemmija kamra sibna 7 safe deposit bags b' diversi cekkijiet u flus. Hemm total, mela l-ewwel safe deposit bag*

*ghandna numru 2618723, li fiha kien hemm ammont ta' case ta' €85 u ammont ta' cheques ta' 1078. B'kollox 11-il cekk. It-tieni borza, safe deposit bag bin-numru 2612977, ammont ta' cash ta' 139, u 11-il cekk li jammontaw ghal €936. It-tielet borza, bin-numru 2612979, ammont ta' euros 93 u total ta' cheques €452. Ir-raba' borza 2612981, total ta' euros 486 u ammont ta' cheques kien hemm 6 bl-ammont ta' 328. Il-hames borza 2618722 ammont ta' cash..... u 3 cheques bl-ammont ta' €112. Is-sitt borza 2618719 ammont ta' €372, total ta' cheques 6 u l-ammont ta' €440. Safe deposit bag numru 2612984, total ta' €617 u total ta' cheques 12-il cheque total ta' €792. Kif ukoll sibna envelope li kien fih zewg noti tal-€100, kif ukoll nota wahda tal-€500. B'kollox €700.'* Spjegat li '*f'kull deposit bag kien hemm reconciliation sheet, fejn ezempju jkun hemm indikat kemm suppost hemm flus fl-imsemmija borza. Ezempju bag 1, 2618723 suppost kien hemm l-ammont ta' 5725, fejn fil-verita' fiha nstabu €85, flimkien mac-cekkijiet.*' Spjegat li l-imputat spjega li kien tilef envelope jew rema envelop b'ammont ta' flus u beda jipprova maz-zmien jitfa lura dawn il-flus li kienu nieqsa, li minn butu beda jdahhal fix-xahar ammonti ta' flus u kien anke biegh il-post sabiex jirranga dan il-bilanc. Kien qal li  ma kienx irraporta ghax beza.  Xehdet li bhala rendikont li tawha l-ID Malta, bhala bilanc li ghadhom neqsin huwa ta' erbgha u erbghin elf, erba' mija u sitta u hamsin centezmi (€44,456). Spjegat ukoll li bhala prassi suppost l-boroz jigi siggilllati fil-prezenza ta' xulxin pero kienu jafdaw lil imputat biex jaghmel reconciliation fl-ahhar tal-gurnata u jaghlaq hu l-imsemmija boroz.  Mistoqsija mill-Qorti '*Jigifieri kienu konsapevoli li l-proceduri li suppost anke huma qeghdin jaderixxu maghha, ma' kienx qed jaderixxu maghha.*' wiegbet '*Hekk hu. Minhabba nuqqas ta' nies.*'

Dwar dak li sehh, **Martin Bowerman** li xehed li ghandu kariga f'identity Malta li jiehu hsieb il-finanzi u l-amministrazzjoni tal-Agenzija fis-seduta tat- 2 ta' Awissu 2017 dwar l-ufficju tal-passaporti spjega li '*kien hemm xi boroz tal-flus li suppost gew depozitati, ma' kienux gew depozitati. Bghatna email fit-12/04, lis-Sur Joseph Calleja, biex jindikalna ezatt x'seta gara minnhom dawn. Ir-risposta tieghu kienet li hemm xi cekkijiet li mhujiex tajbin u qed jistenna lill-klijenti jigu biex jirrangawhom u mghad jidepozitahom. Sa dan it-tant, kellimt kollega tieghi lil Leonie Zerafa biex timmoniterja s-sitwazzjoni u bdejna nindunaw li dak li bdejna naraw f'April, kienu ta' Marzu, l-boroz li ma' dahlux. Meta nghalaq Marzu, l-boroz kienu dahlu. Meta gejna mbghad ghal Mejju, bdejna naraw li boroz f' April bdew jonqsu. Meta nghalaq April, il-boroz jergghu jidhlu. U bqajna mexjin b'din is-sistema.*' Spjega li '*meta mbghad gejna biex inkomplu naraw l-affarijiet, bdejna naraw li kien*

*hemm dan it-trend. Ergajna bghatnielu email ohra f' Gunju, fejn infurmajnih, fit-30 ta' Gunju biex inkun preciz, fejn infurmajnih b' dan it-tali boroz li rega hemm neqsin u ma' hadnix twegiba. Dan kien fit-30 ta' Gunju. Fil-5 ta' Lulju, jiena nfurmajt lil Vince Sladden, li huwa kollega taghna u li llum huwa responsabbli mill-Passport Office, fejn ghidtlu: "Isma, hu daqsxejn pacenzja, ejja sa hdejja," kien xi l-10:00 ta' filghodu. "Halli ntikellmu ftit .......Joseph Calleja u anke d-dokumenti li jsiru, meta l-boroz jigu trasferiti mas-security vans." Gew hemmhekk, tkellima, wrejtu l-affarijiet, lil Vince Sladen u anke lil Joseph Calleja, ahna x'konna qeghdin naraw u ahna x'konna sibna, u meta staqsejtu x' sar minnhom il-boroz, l-ewwel haga li qalli kienet:* **"Ghax jiena qed niprova nibbilancja flus ghax armejt 3 boroz fiz-zibel, bil-flus."** *U ghidtlu: "Inti tahseb li xi hadd ha jemmnek li armejt 3 boroz b'dawk l-eluf kollha fiz-zibel?" Qalli: "Qed niprova nibbilancja, b' hekk hemm il-boroz neqsin." At that point, jien ghidtlu: "Isma, jiena nahseb li tkellimna bizzejjed, ha ninforma c-Chairman biex dan il-kaz jidhlu l-Pulizija." F'dak il-hin, hu qalli: "Ha ninzel sat-toilet." Inzilna jiena u Vince Sladden mieghu t-toilet u ahna u nezlin it-tarag qalli: "Ha ntikom 20,000 minnhom u ddahlux il-Pulizija." Dak il-hin jiena qbadt u cempilt lic-Chairman, infurmajtu b' dak li qed jigri u c-Chairman tani instructions biex ninforma l-Pulizija.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Dwar PCL 2[9], Martin Bowerman spjega li '*l-karta ta' meta Joseph Calleja jiprepara l-boroz biex jigi s-security van u jigborhom. Fejn jiffirmaw kemm is-Secuity Officer li jigborhom u kemm is-Sur Joseph Calleja. L-ircevuta wkoll tas-Security Officer. Ghax dan ikun hemm diversi boroz. Ghax mid-Dipartimenti kollha, peress li l-uniku vault li ghandna sigur huwa gol-Passport Office, d-Dipartimenti li jaqghu tahtna, li jahdmu gol-Evans Building, itellghu l-flus kollha ssigillati go dan il-vault. U mbghad Joseph Calleja, jigborhom, darba kull jum u jghaddihom ghas security van.*' Spjega li l-procedura li jimxu maghha bir-regulations u anke cash tal-Gvern li l-flus jigu depozitati jew dak in-nhar stess jew l'ghada l-aktar tard. Spjega li '*Sa dan it-tant, jiena nfurmajt lic-Chairman u c-Chairman qalli biex ninforma l-Pulizija. Jiena nzilt ma' Joseph Calleja flimkien ma' Vince Sladden u Leonie Zerafa u anke Edwin Ebejer fl-ufficju tal-passporti fil-prezenza ta' Joseph Calleja. U l-ewwel haga li ghidltu: "Hudni fuq id-desk u ghidli x' ghandek flus." Harigli borza minn gol-lunch box tieghu, borza ohra harigha minn god-desk u kellu flus ukoll fil-but. Fejn qalli: "Dawn jaghmlu parti minn dik il-borza." Dhalna go ufficju, ghoddejna kollox fil-prezenza tieghu, ssiggillajna kollox fil-prezenza tieghu u ghaddejna kollox lill-Pulizija. U*

---

[9] Li jinsab bit-tieni volum tal-atti processwali

*dawn qeghdin esebiti hawnhekk. Dawk ittiehdu photocopies kollha,*' Spjega li kull jum jitolbu kull dipartiment jaghlaq il-cash tieghu. Bhal kull standard procedure ta' cash, jrid jinghalaq u jigi ffirmat minn zewg minn nies, bl-id card taghhom ukoll. Spjega li '*teknikament meta qed nara l-ammont ta' passaporti li hargu matul il-gurnata, against is sales, jiena qed naqbel. Dejjem qed naqbel. L-unika haga li mhux qed naqbel umbghad meta nibda nirrikoncilja mal-Bank. Ghax il-boroz ma' jkunux qed jidhlu.*' Ikkonferma li d-diskrepanza sax-xahar ta' wara kienet tkun saldata. Jghid li '*Bhala total, under qeghdin 44, 456*' ta' xahar wiehed minn boroz ta' Gunju li dawn ma' gewx depozitati l-Bank.

Martin Bowerman fis-seduta tad- 9 ta' April 2018 spjega li '*kull gurnata li l-Passport Office jinghalaq, issir procedura fejn tnejn min-nies jigbru l-flus minghand il-kaxxiera, gieli jkun hemm sitta, gieli jkun hemm erbgha u gieli jkun hemm hamsa skond kemm ikun hemm nies, jaghlqu go envelope u jissigilawhom huma quddiem fil-presenza tal-kaxier u jintefghu fil-vault tal-Passport Office.*' Spjega li '*Huma jirrikonciljaw mal-kaxxiera, nirrikonciljawhom u niffirmaw fuq l-envelope rispettivi ghal kull kaxxiera u ghall-lejl jinghalqu gol-vault tal-Passaporti. L-ghada filghodu, dawn it-tnejn min-nies li jkunu ghalqu mal-kaxxiera, johorgu dawk il-flus, jifthuhom fil-presenza ta' Joseph Calleja biex jippreparawhom sabiex jigu depozitati l-bank u cioe' l-Bank of Valletta.*' Spjega li '*Jerga jsir il-process tar-rikonciljazzjoni, tintela karta bl-ammont ta' flus anke flus deskritti kemm kien hemm tal-hames mija, kemm kien hemm tal-mija, tal-hamsin, whatever u jigu ffirmati wahda minn Joseph Calleja u wahda minn dawn il-persuni li tkun qed tirrikoncilja mieghu. Bhala regola jintefghu go borza, tissigillaha ruha, tissigillaha tal-BOV, ghandi wahda nista' nurikom, tajjeb, li din bl-ebda mod la darba tinghalaq ma tistax terga tinfetah, ghax tkun tidher li giet tampered imma f'dan il-kaz li kien qed jigri ma kinetx qed tinghalaq din il-borza. Il-borza ma kinetx tinghalaq, allura mbaghad wara jigri li jigri. L-ghada filghodu, jigi l-vann tas-sigurta' u suppost jigbor din il-borza.*' Spjega li '*l-ewwel oggett li bdejna naraw li meta bdejna nirrikonciljaw mal-bank kuljum, bdejna naraw certu boroz li mhux qed jidhlu mal-bank. Mela filwaqt li l-karta rikonciljata bdiet tasal ghandna, l-flus, gol-bank ma kienux dahlu. Hemmekk ahna konna baghtna email lis-Sur Calleja biex ninfurmawh x'kien qed jigri, ma wegibnix, imbaghad jien sadanittant ghidt kollega tieghi, li tahdem l-accounts, ghidtilha isma ibqa' immoniterja daqsxejn is-sitwazzjoni u ergajna qed insibu l-istess problemi, certu flus, despite li l-karta qed tigi rrikonciljata ghandna*'.

**Leoni Zerafa** fis-seduta tal- 4 ta' Settembru 2017 spjegat li hija Senior Manager tal-Accounts fl-Identity Malta. Spjegat li '*bhala parti minn xoghli rrid nicekkja d-dipartimenti taghna s-sales li jkunu ghamlu matul il-gurnata, u nara li dawn il-flus huma qed jaqblu fl-ahhar tal-gurnata u l-flus gew iddepozitati l-bank.*' Kull filghodu tigi kumpannija tas-security u tigi u tigbor il-boroz kuljum biex jiehodhom il-bank. Spjegat li '*Joseph Calleja kien jiehu hsieb li jingabru l-flus kollha tal-passaporti u dawn il-flus jinghaddu, jidhlu fir-reconciliation bag u jidhlu l-bank.*' Spjegat li '*Jiena niehdu minn Jannar indunajt li jekk ezempju, f'Jannar kellna cash u cheques total ta' 129, 456 Euros, li minnhom dawn kien hemm 31, 679 biex ghalaq Jannar dahlu fit-21st of February, u dan kien qed jiehu hafna hin li mhux suppost. Inti l-flus tal-Gvern jew taghlaqhom dik il-gurnata jew taghlaqhom l'ghada. U bdejt insaqsi l-mistoqsijiet. Kien dan meta jien bghatt l-ewwel email lil Mr Calleja fejn tghid 'kindly note that our procedure is that all revenue generated on a particular day must be deposited the following day. There are strict Government regulations and procedures.'. U bqajna nimmonitorjaw din il-haga. L-ewwel email qeghda dated 12th April, 2017. Wara dan bqajna nimmonitorjawh imma l-istess haga baqghet tigri ghal Frar, ghal Marzu, ghal April, kull xhar ezempju jekk niehdu Frar 41,000 minnhom dahlu sat-21st March. Jekk niehdu March ghandna 56,000 dahlu sat-20th April. Jekk niehdu April kellha 50,000 dahlu f'May. U dan kien hemm, wara l-email jien stennejt li din il-haga ma tibqax tigri imma xorta baqghet tigri, allura bghattlu t-tieni email li kienet dated 30th June 2017, fejn spjegajtlu l-istess haga li hemm strict Government regulations fuq din. Mela mbaghad gbidt l-attenzjoni lic-Chief ta' fuqi Mr Martin Bowerman u tlajt fuq u bdejna nitkellmu. Hu cempel lis-Senior tal-passaport lil Mr Vince Sladden, u qallu biex jghid lil Mr Joseph Calleja biex jigu hemmhekk ha nitkellmu. Dan kien 5th July.*'

Xehdet li '*Mr Calleja qatt ma bghatli email lura qatt ma wegibni b'email, gie hdejja l-office tieghi u qalli li hu kien qed idum biex jaghmel reconciliation, jitfahom il-bank minhabba xi cekkijiet, li kellu xi problemi b'xi cekkijiet. Ghidtu jekk ikollok problemi bic-cekkijiet u hemm email bejni u bejn Vince Sladden ikkupjat Mr Calleja wkoll, ibghatli email, ghidli liema huma c-cekkijiet ghidli d-data u ghidli ghalfejn ma gietx iddepozitata. Il-haga baqghet tigri li l-flus baqghu jigu depozitati tard. Meta affacjajnih fil-5th July u morna fl-office fid-dipartiment tal-passaporti wkoll, kien hemm boroz, kien hemm dawn il-boroz li huma neqsin u ma sibnihomx la fl-office tal-passaporti u lanqas fis-safe room.*' Spjegat li '*Jannar kienu jidhlu fi Frar, il-flus ta' Frar kienu jidhlu f'Marzu. Meta mbaghad waqqafnieha din is-sistema ghidnielu issa tina l-flus kollha li ghandek morna fl-office tieghu, ahna ghandna dawn il-boroz neqsin li huma*

*dated 13th June, 9th June, 15th June, 16th June, 17th June, 22nd June 2017, 24th June 2017 u 26th June, u wahda ta' July wkoll tal-1 ta' July, li b'kollox jammontaw cash ghal 48, 187. Kellna cheques ta' 4830 li b'kollox jigu 53, 017 Euros. Issa meta naraw, ahna sibnielu wkoll fil-passport office kellu ammont ta' cash u cheques li jammontaw ghal 5910. Money li hareg mil-but tieghu out of his pocket kien hemm 1500, u money out of his personal bag li b'kollox cash u cheque jammontaw ghal 1151. Meta tara l-boroz li ahna ma sibniex li huma ffirmati, jigifieri nista' naghmel referenza ghal deposits, reconciliation sheet bic-chit. Ha jkolli niftah l-envelope Sinjura Magistrat. Fol 323. Dawn ir-reconciliation sheets li huma bil-bag li jigu generati mil-bank dawn huma ffirmati minn Joseph Calleja u kollega tieghu.'*

Spjegat li '*Meta tmur fil-bank taghna dawn qatt ma gew depozitati u lanqas kienu fil-passport office jew fis-safe room.*' Spjegat li '*s-safe room hija restricted hafna, ma nafx kemm hemm nies imma huwa limitat hafna n-nies li ghandhom access ghas-safe room, li hija ghandna l-pin jigifieri hija secure hafna fl-ahhar mill-ahhar ikun hemm il-passaporti tan-nies fiha din, u hija setgha juzaha Joseph Calleja biex ipoggi kemm il-cash kemm il-flus il-boroz kollha. Issa ahna dawn il-flus ma gewx iddepozitati ghax waqqafna lil Joseph Calleja milli jkompli ghaddej.*' Spjegat li '*mill-workings li ghamilt kienet li l-flus ta' Gunju kien irid jistenna l-flus ta' Lulju biex jiddepozitahom dawn il-bags. Dawn il-bags qatt ma dahlu l-bank.*'

Spjegat li '*Mela June and July 2017 bags still not deposited kellna 53, 017. Issa flus li sibna fid-dipartiment taghna tal-passaporti, meta tnaqqas dawn il-flus jibqa' bilanc ta' 44, 456. Jekk tara s-sales kollha li gew iggenerati, qeghdin fil-workings tieghi. Bhala sales mill-1 ta' Jannar sa 5th July 2017 il-passaport ggenera 1,249.798 Euros. Flus li dahlu l-bank kienu ta' 1, 196, 781 Euros. Minn dan jigifieri ghandna 53,017 Euros li qatt ma dahlu l-bank. Minn dawn il-53,017 Euros sibna flus fil-passport office, mill-but tieghu u from his personal bag li meta tnehhi dawn il-flus u dawn ic-cekkijiet li sibna jibqa' bilanc ta' 44,456. Importanti li nghidu li l-flus li sibna qeghdin in police custody.*' Ikkonfermat li l-ammont ta' 44456 ma gewx ritornata u huma neqsin mil-kotba. Hija xehdet u prezentat emails mibghuta lil imputat dwar li l-ammonti bdew jigu depozitati tard. Xehdet li meta s-Sur Bowerman qallu li ha jcempel lic-Chairman ha jmexxi din mal-pulizija irrisponda li '*ha nohroghom minn buti dawn l-ghoxrin elf qallu ddahalx lil pulizija.*' Ikkonfermat li s-Sur Calleja jaghti l-boroz lis-security guard u s-security guard johodhom lejn il-bank u jigu depoztati

**Vince Sladden** Senior Manager li jiehu hsieb id-dipartimenti tar-Registru Pubbliku tal-Passaporti li xehed fis-seduta tal- 4 ta' Settembru 2017 spjega li '*fil-5 ta' Lulju f'xi l-ghaxra ta' filghodu cempilli s-Sur Martin Bowrman kont qieghed l-ufficju, u talabni biex immur l-ufficju tieghu u niehu mieghi lis-Sur Joseph Calleja u xi karti li jzomm Joseph Calleja. Meta wasalna fl-ufficju tas-Sur Bowerman kien hemm Leoni, u bdew jispjegaw lis-Sur Calleja li kien hemm xi figuri li ma kinux qed jaghmlu sens. At a point in time s-Sur Calleja ammetta li l-figuri li kien qed jipprezenta ma kinux korretti.*' Dan fil-prezenza tieghu. Spjega li '*Martin kif semgha dan qallu isma jien ha ninforma lic-Chairman, In the meantime s-Sur Calleja talbu biex jinzel juza l-bathroom u ahna u nizlin bazikament kont qieghed hdejh jien ukoll ghax inzilna jien u Martin biex ma nhalluhx wahdu, offra ghoxrin elf Euro lis-Sur Bowerman biex dan ma jdahhalx il-pulizija, ghax is-Sur Bowerman kien qallu isma dan kaz ta' pulizija m'ghadux kaz ta' jdejna, ha ndahhlu lil pulizija. Wara dan morna l-bini tal-Evans fejn is-Sur Calleja ghandu l-iskrivanija tieghu. Morna fuq l-iskrivanija tas-Sur Calleja u s-Sur Calleja hareg xi boroz, wiehed minn xi lunchbox hekk ghandu lunchbox hekk hareg borza wahda, tah xi cash lis-Sur Bowerman u tah xi borza ohra mid-desk jekk mhux sejjer zball, u qallu dawn bazikamant biex jibbilanca pressa poco dak li hemm nieqes, il-bilanci li hemm neqsin. In the meantime s-Sur Bowerman qalli isma inzel isfel, dan saru xi nofsinhar, qalli inzel isfel u ghajat lil pulizija biex ovvjament nghajtu lil pulizija...*' Spjega dwar il-boroz ta' flus hareg wahda mill-lunchbox, wahda minn gol-iskrivanija tieghu u hareg xi flus mill-but u dan fil-prezenza tieghu.

**Joe Vella Bonnici** Chairman Ezekuttiv ta' Identity Malta fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017 spjega li kien kellmu ic-Chief Officer tal-Finanzi Martin Bowerman u qallu li kien hemm xi affarijeit li ma kienux *in order*. Kien hemm suspetti qawwija li kien hemm xi frodi fil-flus. Ix-xhud qallu li '*Jekk inti konvint mnn dak il-materjal li ghandek, allura mmexxu bil-Pulizija.*'

**Ignatius Ciantar** fis-seduta tad- 9 ta' April 2008 li kien unit co-ordinator fid-dipartiment tal-passaporti ikkonferma li hareg zewg memos f'Jannar flimkien mas-Senior Manager biex ikun hemm procedura kif ikun hemm access ghal vault u kif jigu ccekjati l-flus. Dawn gew ipprezentati a fol 1140 et sequitur bhala IC u IC1. Fost affarijiet ohra Dok IC datat is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u cioe' Memo 2/2017 intitolat '*Access to Vault*' tnizzel li '*Whenever the vault needs to be opened and accessed by a Passport Management Authority Administrator (PMAA) or a*

*delegated officer, such access must* ***always*** *be carried out by two officers. The PMAA or the delegated officer, together with another witness, has to be present each time the vault is gained access to.*

*For auditing purposes and for the better management of the Unit, the attached form must be filled in, dated, timed and signed by both officers each time you gain access to the vault. The form will be placed inside the vault and will be filed at the end of each calendar month.*' Wiehed mill-PMAA officers awtorizzat biex ikollu access ghal vault kien Joseph Calleja.

Fid-dokument immarkat bhala Dok IC1 datat is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u cioe' memo 3/2017 intitolata '*Daily Cash Reconciliation*' tnizzlet il-procedura sabiex ikun hemm reconcilijazzjoni ta' fondi ta' kuljum u cioe':

'*1. At end of business day, all funds collected by the cashiers are reconciled with a Senior Officer.*

*2. Revenue collected is sealed in envelopes and placed safely in the vault in the presence of two officers. The relative Access to Vault form has to be duly filled in and signed.*

*3. On the following business day, money is retrieved from the vault by a Senior Officer in the presence of another officer. The relative Access to Vault form has to be duly filled in and signed.*

*4. Two authorised officers open each envelope containing cash collected and divide monies into cash, cheques and EPOS machine slips. Each envelope containing funds collected must be opened and checked individually by both officers. Amount in the respective envelope has to be reconciled with the amount as entered on the Total Daily Cashbook. The money collected in each respective envelope must be checked through the money detector machines. Grand totals are reconciled againt the Total Daily Cashbook and the* ***Daily Cash Reconciliation sheet*** *annexed to this Memo has to be filled in.*

*5. A Deposit Reconciliation Sheet is printed in 3 copies. The two officers who reconciled the Total Daily Cashbook must countersign all copies and write down their respective ID card number.*

*6. Cash and cheques collected are sealed in tamper proof plastic security bags are returned back in the vault until collection by the authorised secuurity officer.*'

**Carmen Baldacchino** skrivana mal-Identity Malta li tahdem mal-passaporti fix-xhieda taghha tal- 15 ta' Novembru 2017 spjegat li bhala procedura '*meta naghlqu, jkunu ghall-habta tas-saghtejn, jiena, flimkien ma' kollegi nohorgu barra, fil-front office, mmorru fuq il-kaxxiera, li normalment ikunu sitta (6), kullhadd jaqbad kaxxier u nqabblu l-flus bejnietna. Inqabblu, speci l-ammont li jkun tajjeb, ghax hemm il-cash book u nghlquhom f' envelope u mbghad intuhom min ikun inkarigat jaghmilhom f' envelope kbir u jidhlu go l-strong room.*' Qabel il-flus il-boroz kien jigborhom Joseph Calleja u jaghmilhom go l-istrong room. **Rosanne Agius** li xehdet fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017 spjegat li tahdem il-Passport Office fi hdan l-Identity Malta. Spjegat li '*fl-ahhar tal-gurnata, kull kaxxiera johorgu l-Principals jigifieri , u niccekkjaw il-cash ta' kull kaxxiera u naghluqhom f' envelope, jigi ssiggilat l-envelope minni u minn per ezempju l-kaxxiera, u ndahhluhom go envelope kbir u naghluqhom globali. Jerga jigi ffirmat l-envelope u naghlqquh gol-vaults. Biex issir ir-reconciliation l-ghada mill-Ufficjal inkarigat.*' Mistoqsija dwar meta taghlaq mal-kaxxiera, l-envelope ghand min imur, wiegbet li ma principal iehor u jinghalaq gol-envelope l-kbir. Dan ix-xoghol li jaghlaq l-envelopes individwali gol-envelope l-kbir kien isir minnha ma persuna ohra u qabel mal-imputat. Wara li jinghalaq l-envelope, jitfghu fil-vault. Spjegat li '*jinghalaq il-vault, isir il-code u nohorgu ahna u wara l-hin tax-xoghol ma' jkun hemm hadd.*' Spjegat li '*Il-procedura tal-envelope jinfetah l-ghada, ssir ir-reconciliation, fejn jinghaddu l-flus kontanti u jinghaddu c-cheques, s' intendi jinghaddu wkoll dawk l-islips illi tal-epost, tad-direct banking, biex niftehmu, meta n-nies ihallsu bil-card. Il-flus kontanti u c-cheques, jinghaddu, ahna niccekkjaw mal-cash book, tal-gurnata ta' qabel kemm dahlu flus, iqabbel il-flus kien Mr. Calleja, ahna niffirmawlu r-reconciliation, jiffirmaha hu niffirmawha ahna, li qbilna mal-flus u fil-kompitu tieghu kien li jibghathom il-Bank.*' Dwar il-procedura biex jintbghatu l-Bank dawn l-envelopes '*Il-flus kontanti u c-cheques kienu jigu ssiggilati gos-security bag tal-BOV, fejn kien ikun emm fuq barra miktub in-numru tal-kont tal-Agenzija fejn ser jidhlu l-flus, l-ammont f' cheques u l-ammont fi flus kontanti. Tinqala s-security tape, u jigu ssiggillati, u trid tinqala wkoll l-islippa tas-serial number tal-borza. Li dik tkun mehmuza mar-reconciliation sheet biex tigi filed.*' Spjegat li '*Wara li ssir din il-procedura, jigi l-cash van, jitla s-Security, jinghaddu l-boroz tal-flus ghall-gol borza l-kbira, jekk per ezempju kien hemm ghaxar (10) boroz, ikunu mnizzlin fuq dokument, jigu ccekkjati kemm mis-security tal-cash van u ccekkjati mil-persuna li qed tikkonsenja l-flus lil tal-cash, biex niftehmu, tissigilla l-borza, jiffirmalna tal-cash van, niffirmaw ahna u jtina receipt, li nkunu ffirmajnielu l-ktieb tieghu, l-islippa tal-*

*plastic, is-security tal-plastic li jkollha s-serial number tigi ffiljata u jigi ffajljat kollox.*' Dakinhar '*Il-back office fejn nahdmu ahna. Fejn kellna l-iskrivaniji. Dahlu jitkellmu fil-kamra ta' Nazju, nghalaq il-bieb u ftit wara rajna lil Joseph jipprova jferra tazza ilma u nqelbitlu t-tazza. Is-Sur Bowerman qallu li jrid il-flus u rajt il-flus, rajt borza tal-flus hierga minn gos-satchel tieghu u minn gol-lunch case.*' Il-boroz kienu li kienu jitfghu l-flus fihom.

**Amanda Mifsud** li fil-passat kienet Direttur tal-Ufficju tal-Passaporti izda mhux fiz-zmien meta sehh il-kaz in kwistjoni, fix-xhieda taghha tal- 31 ta' Mejju 2018 spjegat li kienet harget struzzjonijeit u cioe' '*Proceduri fejn dejjem iridu jkunu zewg minn nies li jifirmaw li jkunu ha jidhlu jifthu s-safew jew zewg minn nies li jkunu ha jitfghu l-flus gol-envelope, zew minn nies li jiccekkjaw u dejjem ikunu tnejn.*' Hija kienet tahdem fl-ufficju tal-Passaporti mill-14 sas-17 jew 16 mhijiex certa.

Fir-rapport tal-Pulizija esebit a fol 409 et sequitur u mmarkat bhala Dok RP, fost fatti ohra tnizzel li:

'*Illum ghal habta ta' 12:00pm is-Sur Vincent Sladden (fil-Kariga tieghu ta' 'Seniot Manager, Passport Office') informa lil Pc 594 li kien qieghed xoghol fl-Ufficini ta' 'Identity Malta' illi impjegat min taghhom stess kien gie mitkellem rigward suspett ta' serq fuq ammonti ta' flus amalgamat max-xoghol taghhom stess. Pc 147 flimkien ma Pc 1555 irrapurtaw fuq il-post fejn eskortaw lis-suspettat, Joseph Calleja lejn l-Ghassa tal-Belt ghal aktar stharrig.*

*Aktar tard irrapurtaw l-Ghassa tal-Belt is-Sur Vincent Sladden flimkien mas-Sur Martin Bowerman (Chief Officer of Finance) u Leonie Zerafa (Senior Manager of Accounts) fejn flimkien spjegaw is-suspett li hemm fuq wiehed mil- Impjegati taghhom u cioe Joseph Calleja. Is-Sur Bowerman wahdu spjega ezatt kif kienu qed isiru certu trasferimenti ta' flus il-bank u min hemm gie stabilit illi kien hemm xi dbabis u abbuz ta' flus skond il-kariga ta' l-istess Joseph Calleja. Fi kliemu stess, Martin Bowerman spjega kif "Jiena niehu hsieb li kultant zmien issir spezjoni ghal gharrieda fuq il-procedura ta' kif jingabru il-flus u jintbaghatu il-bank bis-sahha ta' skorta mil-Kumpanija Signal 8. L-'Identity Malta' ghanda fijha bhalissa seba dipartimenti li kull wiehed minnhom jiggenera ammonti sostanzjali ta' flus bhala dhul tal-Gvern u kull dipartiment, hemm xi hadd repsonsabli. Jiena niehu hsieb il-Finanzi u l-Amministrazjoni ta' dawn is-seba dipartimenti, f'kelma wahda ta' l-Agenzija kollha. Madwar xharejn ilhu kelna informazzjoni illi kien hemm xi diskrepanzi fil- mod ta' kif qed*

*jigu procesati il-flus tal- gurnata fit-taqsima tal-passaporti u b'dan infurmajna lil persuna inkarigata u cioe Joseph Calleja permezz ta' imejls. Ahna investigajna dan internament u llum kienet i-gurnata li kellimna lil Joseph Calleja, wara illi kelna konferma ta' provi sostanzjali li stajna nkelmuh u nitolbuh x'ghandu xi jghid. Waqt id-diskusjoni illi dak il-hin kien hemm is-Sur Vincent Sladden, Leonie Zerafa u jien stess. Hu prezentajnilu is-suspett taghni inkluz dokumentazjoni imbabsa bit-tipeks u evidenza ohra ta' dati li ma jaqblux u f'dak il-hin qisu bhal ceda u ammetta li hemm xi haga. F'dak il-hin jien nfurmajtu li kont se nkellem lic-Chairman b'dak kollu li ahna konna sibna. Min hemm giet nfurmata il-Pulizija. Meta nfurmajtu li se jidhlu l-Pulizija dak il-hin kien hemm vincent biss, hu qalli l-precizi kelmiet 'Jien ghandi 20 elf minnhom fi flus id-dar u lest li ntijomlok, basta ma ddahalx il-Pulizija. F'dak il-hin jien flimkien ma Vincent, Leonie u Edwin Ebejjer, kollega iehor min taghna, morna l-Ufficju fejn jahdem hu u tlabnieh biex itina il-flus kollha li kellu jiddepozita llum. Borza minnhom hariga mil- Lunch Box tieghu, fil-waqt li ammont sostanzjali iehor ta' flus, harighom min gol but u qalilna li dawn kienu parti min borza ohra. Dak il-hin ghoddejna kollox u ghamilna rendikont quddiemu u bihom bqajna gejjin l-Ghassa.'*

**Simon Buhagiar** li jahdem f'deposits mal-Bank of Valletta fis-seduta tal- 14 ta' Mejju 2018 dwar boroz mid-Dipartimenti tal-Passaporti spjega li d-depoziti jigu per security company, spjega li '*deposit dejjem jigu through a security company, jigu ghandna c-centru, niccekjaw mar-receipt li taghtina s-security company tad-deposits li jkunu saru imbaghad id-deposits isiru mill-kaxxiera taghna fil-kont relevanti skond id-depozitu.*' F'dan ir-rigward, **Joseph Grech** in rapprezentanza ta' Signal 8 Security fis-seduta tal- 14 ta' Mejju 2018 ikkonferma li l-boroz bil-flus tad-Dipartiment tal-Passaporti kienu jingabru u jittiehdu l-Bank of Valletta Cash Centre Santa Venera.

L-**Ispettur Matthew Vella** fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2017 spjega li fl-istqarrija l-imputat fehmhom x'inhu xoghlu fi hdan l-Identity Malta '*li huwa dak li jikkoncerna reconciliation ta' flus li jkunu dahlu fil-gurnata ta' qabel. Niftakar li dan kollu nqala rigward xi flus li hu kellu gewwa xi envelopes differenti fejn hu kien stqarr maghna din l-istqarrija li hija esebita li dawn il-flus kien jew ramihom jew taghhom lil xi hadd bi zball, u li dak l-envelope kien jikkontjeni fih madwar tletin elf Euro. Hu spjegalna wkoll li minhabba li kellu din id-diskrepanza fil-flus hu kien qieghed jiddepozita flus kemm minn tieghu personali kif ukoll minn boroz ohrajn li hu kien qed jircievi minn gurnata ghall-ohra, li fissrilna hu kien li mill-flus ta' llum kien qed jirriplejxja flus li kellhom jigu depozitati lbierah. Hu spjegalna*

*wkoll meta saret referenza ghal file li kien fih xi rcevuti li ghandi nifhem li huma anki esebiti illi hu kien qed inizzel in-numri tal-evidence bags, li hu suppost kien qed jibghat lil Bank darbtejn. Dan biex juri li darba veru saret id-deposit kif ukoll li darb' ohra li saret deposit finta, biex b'hekk on paper kien ukoll jidher li x-xoghol kien qed jimxi b'mod normali.'*

**PS1531 Ivan Caruana** fix-xhieda tad- 9 ta' Ottubru 2017 fejn spega li fil-5 ta' Lulju 2017 mar mal-Ispettur Caruana Lee jaghmlu tfittxija fir-residenza l-Mosta ghand is-Sur Joseph Calleja, spjega li telghu fit-tieni sular '*hemmhekk elevajna, kien hemm basket kannella li fih kien fih xi boroz tal-Bank tal-BOV, u fihom kellhom xi flus u xi cekkijiet. Fl-istess kamra kien hemm ukoll xi passaporti go xi kxaxen.*' Fl-istess seduta l-Ispettur Kylie Borg prezentat envelope bnumru ta' ritratti.

Dwar l-ammonti in kwistjoni, Martin Bowerman ri-prodott in difeza fis- 6 ta' Mejju 2019 ikkonferma li l-ammont globali huwa ta' erbgha u erbghin elf, erba' mija u hamsa u sittin ewro (€44, 465). Ikkonferma li l-ammont tac-cheques b'kollox kien hemm erbat'elef u tmienja u tletin (4038). Jikkonferma li c-cheques issarfju u dahluhom u cioe' inghataw lil identity Malta. Il-Qorti kkummentat fuq din ix-xhieda li '*l-ammont li ghad fadal li ghandkom tiehdu intkom 40, 338, pero' l-ammont li allegatament spicca ghand is-Sinjur qabel kien allura 44,456*' u x-xhud wiegeb '*Ghax kien hemm ic-cekkijiet inkluzi ghalhekk*'.

L-**Espert Antoine Borg** fir-relazzjoni tieghu immarkata bhala Dok AB a fol 434 et sequitur kien ikkonkluda li '*Wara illi ikkonferma il-kalkoli f'dok DOA, u vverifika l-ammonti fir-reconciliation sheets imsemmija, dejjem jekk l-ammont li jinsab fil-kustodja tal-pulizija skont ix-xhieda huwa korrett, u dejjem jekk l-ammont ma giex depozitat sussegwentament ghall-perjodu li ghalih huwa inghata access, l-esponent jinsab tal-fehma li l-ammont ta' €44,456, kif indikat f'dok DOA huwa korrett.*' Fix-xhieda tieghu tad-dsatax (19) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li kien hemm disat'ijiem li l-boroz li bis-suppost depoziti ma sarux, dawn huma d-9, 13, 15, 16, 17, 22, 24 u 27 ta' Gunju u l-1 ta' Lulju, 2017. Fir-relazzjoni addizzjonali tieghu mmarkata bhala Dok AB1 li tinsab a fol 510 et sequitur ikkonkluda li l-ammont mhux depozitat f'cash u anke cheques jammonta ghal tlieta u hamsin elf u sbatax-il ewro (€53,017), l-ammont fil-kustodja tal-Pulizija konsistenti f'cash u cheques jammontaw ghal tmint'elef, hames mija u wiehed u sittin ewro (€8,561) u ghalhekk l-ammont li ghad irid jigi

depozitat huwa dak ta' erbgha u erbghin elf, erba' mija u sitta u hamsin ewro (€44,456).

Dan l-espert riprodott fis- 6 ta' Mejju 2019 spjega li l-ammont totali kien ta' 53,017 li minnhom 48,187 kienu cash u 4830 kienu cekkijiet, ghand il-pulizija total kien hemm 8561, cekkijiet kien hemm 712 u bhala cash fil-kustodja tal-pulizija kien hemm 7849. L-ammont dovut lil Identity Malta kien 48,187 cash u 4830 cekkijiet.

Din il-Qorti f'dan l-istadju sejra taghmel referenza ghall-istqarrija rilaxxata mill-imputat li tinsab a fol 11 et sequitur u mmarkata bhala Dok MV4. Din l-istqarrija giet rilaxxata fis- 6 ta' Lulju 2017 wara li kkonsulta mal-Avukat Dr Josette Sultana. Ma jirrizultax li l-imputat inghata d-dritt li jkollu Avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija izda ma jirrizultax li l-ammissibilita ta' din l-istqarrija giet ikkontestata u ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisha bhala ammissibli. Meta mistoqsi x'inhu xoghlu, l-imputat spjega li '*Jien niehu hsieb is-sezzjoni tal-passaporti fuq gewwa, niehu hsieb nivverifika l-passaporti biex imorru jiprintjaw ruhom. Jien irrid niccara li jien nivverifika l-formula u mhux il-passport per se. Nara d-dettalji tal-applikant li jkunu korretti skond CDB. Naraw li per ezempju tat-tfal il-firem jaqblu etc. Dan parti zghira mix-xoghol. Jien ghandi tahti xi ghaxra minn nies. Barra minhekk jien naghmel reconciliation tal-flus li jkunu dahlu il-gurnata ta' qabel. Dawn ikunu diga mqabbla l-flus filghaxija tal-gurnata. Gieli jkun hemm xi zbalji tac-cekkijiet u allura nigbed l-attenzjoni lill-klijent taghna. Dawn jikkonsistu fi zbalji bhal per ezempju dati hziena jew ma jaqbilx mal-ammont. Dawn il-flus jaslu ghandi mill-kaxxieri wara li n-nies imorru japlikaw. Jien wiehed milli mmur inqablilhom. Jien niccekja l-flus mar-receipt book u jintefghu f' envelope u naghmluhom fl-istrong room. Jien naghmel ir-reconciliation sheet li naghati wahda ghal accounts department, wahda gol-borza u l-ohra ghandi gol-file. Ukol nibghat kopja taghha b-email lil head tal-accounts, Leoni Zerafa. Barra minhekk ikun hemm telefonati, affarijiet tal-qorti bhal kwistjoni tal-genituri jekk ikunux jistghu jaghmlu rikors etc. Barra minhekk barra l-flus tal-passporti jien responsabbli nigbor il-boroz mid-dipartimenti l-ohra. Jien dawn il-boroz nghaddihom lis-security li jigi kull filghodu ghall-habta tal-11am. Jien naqbad il-borza l-kbira li jien ingib mill-cupboard li jtihomna s-security tal-bank u nitfa l-boroz iz-zghar kemm tad-dipartiment tieghi flimkien ma dawk li jiena nircievi mid-dipartimenti l-ohra. Jiena niffirma fuq il-borza tieghi u nkun jiena li nissigillha. Is-security jtini ircevuta tal-borza l-kbira li jiena niffirma fil-prezenza tieghu. Huwa jimmarka b'very good fuq id-dokument tieghi li jiena nuza bhala rcevuta. Din*

*l-ircevuta nzommha ghandi u s-security kemm jiffirma fuqha u ma ghandux kopja taghha. Jiena fuq din l-ircevuta nnizzel in-numru tal-boroz iz-zghar kollha u fuq in-numru tal-borza l-kbira u nzommom go file sakem jimtela.*'' Mistoqsi dwar flus li lbierah instabu fuqu wiegeb li '*madwar xi sena u tlett xhur ilu jien kont hadt xi jumejn jew tlieta vacation leave. Gara illi meta jiena kont irritornajt lura ghax-xoghol, jien kont sibt il-flus kien ukoll cheques u chits tal-epos machines li kienu jikkorispondu ghal dawk it-tliet ijiem li jien kont bil- leave u li jien kien ghad kelli naghmel ir-reconciliation taghhom.*

*Niftakar illi jien qiedt dawn il-flus go envelops differenti skond il-gurnata fejn dawn jien kont ghamilthom go envelope kbir. Ma nafx nispjega kif jien dan l-envelope ma kontx ergajt sibtu. Dan jew armejtu jew tajtu lil xi hadd bi zball. Bejn wiehed dan l-envelope kellu madwar tletin elf ewro.*

*Nghid illi is-security bags illi jien suppost kelli nitfa fihom dawn il-flus li jiena sibt neqsin, zammejthom ghandi. Dan ghamiltu sabiex jiena stajt nissostitwixxi il-flus in-nieqsa b'dawk il-flus li jien kont ergajt bdejt nircievi tal-gurnata. Nghid illi jien ghamilt dan ghaliex is-security bags ikunu innumerati wara xulxin.*

*Jien kont qed naghmel dan ghaliex jien kont bzajt illi ser nitkecca mix-xoghol. Jien kont ser nispicca daqt bil-penzjon u bzajt li nitlef kollox. Ghalek jien kont qied niddepozita il-flus kemm minn tieghi kif ukoll minn boroz ohrajn li jien nircievi minn gurnata ghal-ohra. Bhekk kien qied jidher li kollox ghaddej normali.*

*Rigward il-flus li instabu fil-but kif ukoll fil-lunch box, nghid illi jien kont ser nitfa dawk il-flus go zewg boroz. Filfatt il-bierah, dawk il-flus gew iccekjati minn Leoni Zerafa, Martin Bowerman, Edwin Ebejer u Vincent Sladden. Dawn qablu mat-total tal-boroz tant illi dawk kellhom jigu iddepozitati il-bierah stess. Meta tnaqqas dawn iz-zewg boroz li ghadni kif semmejt, ikun ghad fadal pendenti seba' boroz.*'

Mistoqsi ghal liema raguni kien qieghed igor mieghu il-boroz kif ukoll il-flus u cheques mieghu id-dar wiegeb li '*Ghax ma kontx ser inhalli dawk l-affarijiet li mhux qedin sew fuq id-desk jew gol kxaxen fuq ix-xoghol. Kieku ghamilt hekk kieku kienu jindunaw li l-affarijiet ma kienux qedin sew.*' Fost affarijiet ohra spjega li '*dawk il-boroz illi suppost kellhom jigu iddepozitati f'dak il-jum partikolari, jien kont nimmarkahom u nnzilhom xorta f'din l-ircevuta wara illi dawn il-boroz bil-flus ikunu gew migbura mis-security. Ghalekk f'dan il-file inti ghandek issib illi certu boroz huma fil-fatt imnizzlin darbtejn. Darba li turi*

*il-veru deposit ta' dik il-borza u darba ohra li turi deposit finta. B'hekk jien on paper kien ikolli ix-xoghol qed jidher illi mixi b'mod normali.*

*Ezempju ta' dan huma id-dokument datat 03 ta' Lulju 2017 [Evidence Bag 00185992] u id-dkument datat 04 ta' Lulju 2017 [Evidence Bag 00185994] fejn fuqhom hemm imnizzel in-numru ta' l-smal bag 2612984 fuq iz-zewg dokumenti rispettivi.'* Huwa gie mistoqsi ukoll dwar passaporti misjuba fir-residenza tieghu.
Mistoqsi '*Meta inti gejt avvicinat mic-chief officer Bowerman spjegajt illi inti kont lest illi trod lura ghoxrin elf ewro u jieqaf kollox hemm. Inti x'ghandek xi tghid?*' wiegeb '*Jien li ghamilt, ghidt lil Bowerman sabiex nibda inrodd lura ghoxrin elf f'daqqa sabiex inkunu nistghu immexxu l-boroz. Jien dawn l-ghoxrin l-elf kont lest li inroddom minn flusi.*'

Mistoqsi '*Meta instabu il-flus fil-but, inti ghidt li dawk jaghmlu parti mill-borza* [*2618721 tal-15/06/2017*] *. Xi tghid jekk nghidlek illi dawk il-flus inti kont ghadek kemm hadthom u mhux minnu illi inti kont ser tpoggihom lura. X'ghandek xi tghid?*' wiegeb '*Il-borza kienet antika u mhux tal-gurnata. Dan kien juri bic-car li jien kont ser niddepozita fiha u mhux niehu minna.*' Jghid li ma kienx pjacir tieghu jiddepozita l-flus tard. Mistoqsi jekk cert li l-flus intilfu u/jew intremew u mhux hadhom hu, wiegeb li iva cert. Dejn ma ghandux u lanqas vizziji jew problemi finanzjarji. Din biss kienet l-unika problema finanzjarja. Mistoqsi '*Qed tigi muri ircevuta datat 05 ta' Lulju 2017, li tikkontjeni dettalji rigward kemm instabu flus kif ukoll cheques gewwa seba' safe deposit bags bin-numri 2618723, 2612977, 2612979, 2612981, 2618722, 2618719 u 2612984*' u wiegeb '*Iva nikkonferma.*' Huwa kkonferma li dawn is-safe deposit bags instabu fir-residenza tieghu.

L-imputat ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat- 8 ta' Lulju 2019 fejn spjega li huwa kien Senior Principal mal-Identity Malta u kien jiehu hsieb u jaghti x-xoghol lil hmistax (15)-il ruh. Kien jiccekjahom u jghaddihom biex jigu printjati l-passaporti, u kien anke jaghmel reconciliation ta' flus u dan ghal tmien (8) snin. Spjega li filghaxija x'hin tghaddi l-gurnata '*konna mmorru inqablu l-kaxxiera*' u kompla jispjega li '*mbaghad nigbru,nigbruhom kollha konna nkunu xi 3 jew 2 inqabluhom il-flus. X'hin inqabluhom il-flus. X'hin inqabluhom naqbduhom u nohduhom fl-istrong room*'. Dan kien kantuniera boghod. Mistoqsi meta ghamlu r-reconciliation u l-flus dahluhom f'din l-istrong room jekk kienu jaghmlu xi haga ohra ma dawn il-flejjes, wiegeb '*le konna naghmluhom hemmhekk umbaghad l-ewwel nett nixtieq nghid ili mhux biss kelli*

*access ghal din il-kamra, konna sitta minn nies kellna access'.* Filghodu kienu jmorru t-tnejn, jiffirmaw il-karta u jiehu l-flus minn hemm. Kienet karta biex jaghmlu fix-hin dahlu, isimhom u kunjomhom bil-karta tal-identita'. Jigifieri fix-hin dahlu fl-istrong room. Jiffirmaw din il-karta, jiehdu l-flus u jmur fuq id-desk ma dawn il-hmistax il ruh. Jaghmlu reconciliation jigifieri kemm kien cekkijiet, kemm tal-ghoxrinijat, kemm hemm hamsinijat u jiktbuhom wara xulxin u mbaghad idahluhom fil-kompjuter u jibghatuhom lil head office u jerga jaghmilhom go borza u jistenna s-security biex jigi ghalihom. Il-borza kienet tal-BOV, kienet tidhol ma' hafna boroz ohrajn li kienu jibghatuli kull section li kien hemm hemmhekk. Mal-gurnata kien ikun hemm madwar xi tmenin elf u jaghmluhom kollha flimkien umbaghad kienu ghamlu karta biex jaghmluhom fil-borza l-kbira dawn il-flus, dawn il-boroz. Ghal bidu hadd ma ried jiehu hsieb, ma riedux li jien nikteb il-boroz kollha li ha jitfa f'din il-borza l-kbira. Spjega li '*Uu jien imbaghad ftehmt ma' dawk ta' qabli u ghidtlu jiena meta nibghathom dawn il-flus irrid inkun naf x' boroz x' kien hemm, in-numru tla-boroz li kien hemm fiha. Mhux intihom borza wahda u mbaghad ma nkunx naf x' fiha l-borza*'. Ta' qablu huwa is-Sur Ciantar. Ikkonferma li ried ikollu dan ir-rendikont ta' x'dahlu boroz, '*Imbaghad baghtlu email dan insomma u ghidtlu jiena xorta ha naghmilha din il-karta*'. Jghid li '*Ghamilna bqajna naghmluha dejjem din il-borza x' dahlu boroz f' dik il-gurnata u meta gie ghalihom u l-hin. U konna niffirmawha jiena.*' Mistoqsi jekk seraqx jew mizapproprijax dawn il-flejjes wiegeb li le dawk ma seraqhomx hu u lanqas hadhom hu u uzahom ghalih personali. Dwar dakinhar li ma sabhomx spjega li '*Jien kont ghamilt xi tliet ijiem leave u d-Direttur kienet tghidilhom lil ufficju, kienet tghidilhom meta ma jkunx hawnx Joseph kien hemm Carmen, Roseanne u Cynthia u anke email kienet tibghatilhom u lili kienet tghidli, tghidi ghidilhom ghamel, urihom kien taghmel reconciliation halli meta ma tkun hawnx inti, ta' kuljum naghmlu jigifieri mhux inhallihom jingemghu l-flus*', kompla '*Ghamiltilhom iktar minn gurnata nurihom biex nurihom kif kont naghmilha reconciliation u kif kont nibghat u kollox bic-car u baqghu ma ridux jaghmluha din. Baqghu m' ghamluha qatt. U jiena kont tliet ijiem leave u x' hin irritornajt sibt erbat ijiem flus ghax kien hemm is-Sibt ukoll barra tliet ijiem leave kien hemm is-Sibt u sibt erbat ijiem flus. U bdejt naghmilhom bhas-soltu reconciliation u ghamilt il-flus ghalihom u ghamilthom go envelop minn dan tal-Gvern nghidlu jien biex ma jkunux jidhru fuq il-mejda. Ghax barra minn hekk jien x'hin kont inkun qed naghmel reconciliation quddiem dawn il-15 -il ruh kullhadd isaqsini u gegwigija shiha f ufficju kienet iccempilli d-Direttur u*

*tghidli ohrog ara ghal x' hiex dak il-passaport mhux qieghed hemm. Irrid nohrog jien, inqum minn posti dak il-hin malajr ghax il-klijent qed jistenna barra. U kont immur nara u nsomma u dana u x' hin gejt lura dawn wara li kont lestejthom dawn, ghamilthom go borza biex ma jidhrux fuq il-mejda*'. Xehed li x'hin gie lura, dan l-envelope ma sabux. Jghid li '*Mhux dak il-hin indunajt imma, indunajt wara li telaq is-security*'. Mistoqsi x'ghamel meta dan l-envelope ma sabux, wiegeb '*Heq x' hin ma sibtux qisni ppanikjajt gewwa hekk, kien ha jhossni hazin. Mort skuzi nirrigetta fit-toilet*' Xehed li '*bil-biza*' *li kelli ma tkellimt xejn jiena. Kien hemm il-flus l-ohra kien hemm xi sebghin elf xi haga*', xehed li '*U hekk qisha waqfet hemm il-bicca*'. Mistoqsi dwar x'beda jaghmel minhabba ammont ta' flus neqsin biex isolvi l-problema wiegeb li '*jiena bdejt peress li dak iz-zmien il-Bank ma kienx jghidilna per ezempju biex niddepozitaw ta' dik il-gurnata peress li gieli kien ikun hemm xi cheques ikunu jewvbounced jew ma jkunux tajbin noqghodu ncemplu lil klijenti nghidulhom biex jigu jew ihalsu cash jew jaghmlulna cheque iehor. Allura bdejt jiena per ezempju il-gurnata li gejja kont naqbad il-flus minnha hekk u niddepozitahom dik il-gurnata li kien hemm in-neqsin*'. Biex jimla l-vojt li kien hemm spjega li '*kont nohrog il-flus minn tieghi*'. Xehed li

'*Xhud: Fil-fatt meta arrestawni jiena kelli giex . . . qeghdin il-Qorti dawn*

*Dr A Azzopardi : Ezatt dawk li qeghdin ghand il-Magistrat*

*Xhud: Kont ghadni kemm nigbed hames mija f' gurnata u hames mija biex niddepozitahom. Dawk il-flus li sabuli fil-but huma dawk li kont ghadni filghodu gejt hekk gbidt mill-Bank biex niddepozitahom*'.

Xehed li huwa kien gibet mill-APS mill-kont tieghu fejn kienet tidhol il-paga fih. Jghid li '*Kif kienet tidholli l-paga kont naqbad u gieli l-mara kienet tghidli dawn il-flus fejn qed taghmilhom ? Qed ittihom lil xi hadd ?*' Meta kien jigbed mill-kont tieghu kien jaghmel hekk biex fi kliemu '*nimla dak il-vojt li kien hemm. Imbaghad kont x' hin tintela il-gurnata bejn il-borza ta' dik il-gurnata u bejn il-flus li niddepozita jien kont nidepozitah imbaghad. U bqajt sejjer hekk naghmel hekk sa kemm, ma nafx kemm ezat ghax issa insejt. Hafna zmien domt naghmel hekk jigifieri niehu minn tieghi*' Sa dakinhar li gie arrestat mill-Pulizija. Jghid li '*Ghax imbaghad bdew per ezempju l-Bank ried ikun jaf ta' dik il-gurnata bilfors allura indunaw x' qed naghmel heq*'. Jghid li '*Ma kelliex other way x'* naghmel'. In kontro-ezami mistoqsi

'*Pros : Inti semmejt il-flus li tpoggew go dan l-envelope, ic-cekkijiet ma kienx hemm dak il-hin?*

*Xhud : Kien hemm cekkijiet ukoll mela*

*Pros : Allura gew neqsin ukoll dawn ic-cekkijiet ?*

*Xhud : Ma kienx hemm, ma kinux neqsin ic-cekkijiet. Ic-cekkijiet ghamilthom maghhom jien ma' kull borza tieghu*

*Pros : U l-ammont ta' flus kemm qed tghid li tpoggew go dan l-envelope ?*

*Xhud : Go dan l-envelope ?*

*Pros : Li gie nieqes*

*Xhud : Jiena sibt neqsin bejn wiehed u iehor il-borza, seventy five thousand kien hemm*

*Pros : Flus biss qed nitkellmu*

*Xhud : Flus biss neqsin cekkijiet ma*

*Pros : cekkijiet ma gewx neqsin allura ?*

*Xhud : Le cekkijiet ma kinux neqsin ghadhom kollha hemmhekk. Cekkijiet ma kien hemm neqsin*''

Mistoqsi fejn sabhom ic-cekkijiet wiegeb '*Sibthom mhux fil-boroz li konna ngibu mill-istrong room. Ma sibthomx, sibthom heq*'. Jghid li kienu tal-gurnata c-cekkijiet. Mistoqsi '*meta gejt imwaqqaf mis-Sur Bowerman u persuni ohra xi hin ghidtilhom li offrejtilhom xi flus ? Xi ghoxrin elf ?*' wiegeb '*Le ma, dak jew fehmni hazin jew ma nafx. Jiena ghidtlu, ghidtlu jiena diga' qed inhallas minnhom dawn il-flus, ghidtlu diga' qed ihallas minnhom, diga' hallast minnhom. U hu ma taniex cans. Hu beda jirrabja u jidghi u jhabbat hekk u beda jghidli kif se nkisrek, kif se nkisrek. Ma taniex cans nghidlu xejn*'. Mistoqsi '*naqblu li int semmejtlu li kont se ttih, thallashom inti l-ghoxrin elf minn tieghek ?*' wiegeb '*Jien ghidtlu, ghidtlu jekk bzonn inhallas xi haga minnhom qed tifhem. Ghax jiena l-ewwelnett kont ser nispicca bil-penzjoni u ma rridx jinqalali dan l-inkwiet b'hekk ippanikjajt fl-ahhar heq*' Ikkonferma li gibed hames mija (500) jista jkun li f'dik il-gurnata jew il-gurnata ta' qabel. Jghid li '*Ix-xahar ta' qabel gbidt ukoll x'hin qbadt il-paga,, gbidt ukoll heq*'. Mistoqsi '*naqblu illi wara tfittxija li saret fi-residenza tieghek instabu dawn id-deposit bags flimkien ma' diversi cheques u flus ?*' wiegeb '*Eh u zgur ghax imbaghad bdejt nohodhom id-*

*dar il-boroz heq ghax fejn tridni, hallejt fl-ufficju u bdejt nohodhom id-dar u x' hin tintela l-borza ngibha fl-ufficju u niddepozitaha*'.

Ikkunsidrat;

Mill-provi ghalhekk gie stabbilit li l-imputat kien responsabbli sabiex jaghmel din ir-reconciliation ta' flejjes, sabiex dawn l-envelopes bil-flus li jkunu ngabru jinghaddew lil-kumpannija tas-sigurta' sabiex dawn jitwaslu l-Bank of Valletta. Gie stabbilit ukoll li jirrizulta li l-imputat ma bedax jghaddi dawn il-flus lil kumpanija tas-sigurta' fil-hin, bil-konsegwenza li l-flus ta' per ezempju x-xahar ta' Mejju dahlu f'Gunju filwaqt li tax-xahar ta' Gunju ma kienux dahlu kollha. Gie stabbilit ukoll li dak in-nhar tal- 5 ta' Lulju 2017 kien hemm ammont ta' flus fuq il-persuna tal-appellant u cioe' li hareg ammont ta' flus mill-lunchbox tieghu, bil-but u mill-iskrivanija. Irrizulta li anke fir-residenza tieghu instabu deposit bags tal-BOV li jintuzaw biex jitqieghdu l-flus tal-gurnata li jkun gie migbur mill-ufficju tal-Identity Malta. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-ammont li naqas mid-dipartiment, kien responsabbli ghalih l-imputat. Ma hemmx dubju lanqas li l-flus inghaddew lill-imputat ghal raguni specifiku u cioe' bhala impjegat kellu jghaddi dawn id-deposit bags lil persuna inkarigata mis-security ta' kumpannija ta' sigurta sabiex dawn id-deposit bags jitwasslu l-Bank of Valletta biex jigu depozitati. L-imputat minn naha l-ohra jispjega li kien hemm okkazzjoni partikolari fejn wara ftit jiem ta' leave, meta rritorna l-ufficju kien sab ammont ta' flus li kellhom jigu depozitat u fejn kien pogga dawn il-flus f'envelop li sussegwentement kien tielef jew intrema. Jghid li kien ghalhekk li kien juza l-flus li jkunu jingabru biex ikopri l-flejjes mitlufa, li kien anke jigbed flus mill-kont bankarju tieghu sabiex jigu id-deposit bags ikunu jistghu jinghataw lis-security biex jigu depozitati l-bank. Jispjega li kien ghalhek li kien izomm il-boroz biex kif jimtlew bil-flus li suppost kellu jkun fihom kien jghaddihom lil tas-security, biex dawn jigu depozitati l-Bank.

Fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmilha cara li r-raguni moghtija mill-appellant ghall-agir tieghu ma hijiex kredibbli. Ma taghmel l-ebda sens li josfor envelope b'dawk l-eluf kollha ta' flus u l-imputat jaghzel li ma javzax lis-superjuri tieghu b'dan l-akkadut immedjatament! Li mhux biss jiddeciedi li ma jirraportax dak li jkun gara izda li in oltre' jiddeciedi biex jahbi dak li jghid li gara ghal numru twal ta' xhur,

jaghzel li jibda juza flus li jidhlu fid-dipartiment sussegwentement u anke flusu sabiex jigu depozitati l-flejjes li kellhom jinghaddew lis-security.

L-Ewwel Qorti sabet htija li l-imputat ikkommetta approprjazzjoni in debita u ghalhekk din il-Qorti trid tqis jekk il-prosekuzzjoni irnexxielıex tipprova l-elementi kollha li jsawru dan ir-reat. L-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni ma rnexxielıex tipprova l-dolo u lanqas li huwa ghamel profit.

L-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

'*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*'

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter K/A Pierre Falzon (ID: 535060M)'</u>**[10] fejn fost numru ta' konsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

'*Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Grech deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghal dak li qal l-Awtur Taljan* ***Luigi Maino***[11] *u dan spjega li : "Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Gunju, 2016 (Kumpilazzjoni Nru: 551/13)

[11] Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106. Illum, 16 ta' Gunju, 2016. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Din hija l-ewwel nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

*intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni indebita wiehed jifhem dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju , u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-**Carminian**i fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:- "il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus John Gauci'**[12] dwar l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat li:

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'**[13] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa ohra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Sylvana Briffa) vs. Keith Arthur Mayho'**[14] gie meqjus li:

*'That, as regards the present case, if reference is made to the three elements mentioned in the judgment above- referred to, Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni, whereas from the evidence brought forward it can safely be said that the first two elements have been satisfied, the same cannot be said as regards the third element. The proof that the accused has converted to his benefit or to the benefit of any other person is surely lacking. It should also be noted*

---

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Frar, 2013 (Numru: 143/2012)

*that no proof whatsoever was brought forward as to what actually happened to the freezer in question and who actually removed it, which the accused says was removed by someone when he was abroad on a holiday and who had removed the freezer without him knowing. As regards the fact that there was a time when the accused used to use the freezer to store some ice cubes in it, when he was not permitted to do so, not even this can be considered as misappropriation.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan, 43 years, son of Robert and Elmira nee' Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID card number 18658A and Almerian passport number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd February 2006'** [15] gie kkunsidrat li:

'*In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided:*

***"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:***

***1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.***

***2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.***

***3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;***

***4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o***

[15] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2013 (Numru: 77/2019)

***vantaggio;***

***5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor***" *(The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

***"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)*[16]

*The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.*

*Finally the mens rea or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to*

[16] The Police vs Francis Camilleri - 25 June 2001 – Court of Criminal Appeal (Inferior) (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

*him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (**Commento al Codice Italiano UTET (1922)** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."***

*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.''*

Ikkunsidrat ulterjorament;

Illi ma hemm dubju ta' xejn li l-flejjes kienu jinghataw lill-appellant ghal skop specifiku u cioe' biex wara li ssir reconciliation, l-imputat jghaddi l-flejjes lis-security sabiex dawn jigu depozitati l-Bank. Ghalhekk il-flejjes ma bdewx jinghatghu lill-appellant sabiex dawn jittiehdu d-dar izda sabiex jigu depozitati l-Bank f'isem l-Identity Malta. Dak li trid tqis din il-Qorti huwa jekk giex ippruvat li sar uzu divers minn dak li ghalih inghatghu u cioe' li sar bl-iskop sabiex isir profitt ghalih jew ghal haddiehor. Din il-Qorti kif gia kkunsidrat, ma temminx lill-appellant meta jghid li dak li kien qieghed jaghmlu ghamlu peress li kienu intilfulu xi flus jew li rema xi flus. Ma taghmel l-ebda sens li jintilfu eluf ta' flus u l-appellant ghazel li sforz il-biza minflokk irraporta, iddecieda li jibda juza flus migbura sabiex jaghmel tajjeb ghal dawk precedenti u li in oltre juza anke flusu stess sabiex allegatament jaghmel tajjeb ghal dak li kien tielef. Din il-Qorti ma tqis din is-sottomissjoni bhala kredibbli. B'zieda ma dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li kkunsidrat l-Ewwel Qorti u cioe' dwar inkonsistenzi f'dak li l-imputat qal a tempo vergine, fl-istqarrija rilaxxata minnu u fix-xhieda tieghu

- *'Jekk kien daqshekk attent li ma jhallix il-flus jidhru, tant li ghattihom b'envelope, <u>kif wasal jissogra</u> jhallihom fuq mejda minghajr hadd ma jindukrahom meta madwaru kien hemm 15 il-ruh?*

- *Meta jigi biex jispjega ghaliex halla postu <u>ma jaghti l-ebda raguni ghaliex dakinhar kellu jhalli postu</u>. Fil-fatt hu **jirrakonta dak li kien jigri fl-andament ta' xogholu u mhux dak li effettivament sehh dakinhar** li 'rema' €70,000.*

*Isemmi biss li gieli kien ikollu jhalli postu ghaliex kienet issejjahlu d- direttur. Izda **minn imkien fix-xhieda tieghu ma jghid ghaliex dakinhar – jum li d-data tieghu tibqa' mistura - spicca halla postu b'€70,000 mifruxa taht envelope**!! Jixhed "ghax barra minn hekk jiena x'hin kont inkun qed naghmel reconciliation quddiem dawn il-15 – il-ruh kulhadd issaqsini u gegwigija shiha fl-ufficju kienet iccempilli d-Direttur u ghidli ohrog ara ghal x'hiex dak il-passaport mhux qieghed hemm. Irrid nohrog jien, inqum minn posti dak il-hin malajr ghax il-klijent qed jistenna barra. U kont immur nara nsomma u dana x'hin gejt lura dawn wara li kont lestejthom dawn, ghamilthom go borza biex ma jidhrux fuq il-mejda...X'hin gejt lura dan l-envelope ma sibtux...Mhux dak il-hin indunakt imma,*

*indunajt wara li telaq is-security".*[17]

- *Kemm ghandu mis-sewwa li persuna b'€70,000 fuq skrivanija, kienet ser taqbad thalli postha minghajr minn tal-inqas tipprova taghti raguni ghaliex ma tistax thalli postha waqt reconciliation?*

- *Kif jibqa ma jiftakarx ir-raguni ghaliex dalkinhar kellu jhalli postu?*

- *Kif originarjament quddiem Martin Bowerman u Leoni Zerafa semma' li kien rema' €20,000*[18] *izda quddiem il-Qorti jsemmi €70,000.*

- *Jekk halla postu ghax gie msejjah minn xi hadd, ghaliex ma ngabet l- ebda prova dwar dan il-fatt.*

- *Gja ntwera li kien hu biss li kien inkarigat li jghaddi flejjes lis-security biex jigu depozitati l-bank. Allura kif jista' jkun li nduna li flejjes mifruxa fuq l-iskrivanija tieghu li kellhom imorru l-bank ma kienux ghadhom hemm, wara li telaq s-security? "X'hin gejt lura dan l-envelope ma sibtux...Mhux dak il-hin indunakt imma, indunajt wara li telaq is- security".*[19]

- *Kif ma ndunax b'dan x'hin irritorna f'postu biex ikompli bir- reconciliation?*

- *Iktar iqumu dubbji dwar il-veracita` tax-xhieda tal-imputat meta jigi kkunsidrat li kif xehdu diversi ufficcjali kien propju l-imputat li kien hu inkarigat jghaddi flejjes lis-security. Issa jekk fi kliem Calleja kien fil-process li jaghmel reconciliation tal-flejjes li sussegwentement kien ser ikun inkarigat jghaddihom lis-security, kif lahaq telaq is-security jekk Calleja ma kienx lahaq ghaddielu l-ebda flejjes?? Telaq b'idu f'idu dan?*

ii. *Meta jixhed viva voce jichad li lil Bowerman offrielu li jhallas €20,000 u dan meta diversi*

---

[17] Fol.1425 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 108 tas-sentena appellata.)

[18] Fol.381 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 109 tas-sentena appellata.)

[19] Fol.1425 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 110 tas-sentena appellata.)

*kienu x-xhieda li semghu d-diskors li sar minn Calleja biex ma jintervjenewx il-Pulizija.*[20] *Dan meta fl-istqarrija wkoll ammetta dan!.*[21]'

Ma dawn, din il-Qorti tistaqsi ukoll meta allegatament intilef l-envelope mimli flus, kien hemm jew ma kienx hemm cekkijiet fih? Filfatt meta l-appellant gie mistoqsi dwar dan in kontro-ezami, huwa wiegeb b'mod kunfliggenti u cioe':

'*Pros : Inti semmejt il-flus li tpoggew go dan l-envelope, ic-cekkijiet ma kienx hemm dak il-hin?*

*Xhud : Kien hemm cekkijiet ukoll mela*

*Pros : Allura gew neqsin ukoll dawn ic-cekkijiet ?*

*Xhud : Ma kienx hemm, ma kinux neqsin ic-cekkijiet. Ic-cekkijiet ghamilthom maghhom jien ma' kull borza tieghu*

*Pros : U l-ammont ta' flus kemm qed tghid li tpoggew go dan l-envelope ?*

*Xhud : Go dan l-envelope ?*

*Pros : Li gie nieqes*

*Xhud : Jiena sibt neqsin bejn wiehed u iehor il-borza, seventy five thousand kien hemm*

*Pros : Flus biss qed nitkellmu*

*Xhud : Flus biss neqsin cekkijiet ma*

*Pros : cekkijiet ma gewx neqsin allura ?*

*Xhud : Le cekkijiet ma kinux neqsin ghadhom kollha hemmhekk. Cekkijiet ma kien hemm neqsin*''

Jirrizulta li mhux biss instabu deposit bags li ma kellhom qatt jinhargu minn fuq il-post tax-xoghol izda instabu fir-residenza tal-appellant, talli in oltre' dawn id-deposit bags kellhom ammonti neqsin. Dan huwa sinifikattiv li l-appellant ma ghamilx uzu

---

[20] Xhieda Bowerman a fol.327; Xhieda Sladden a fol.393 u Xhieda Zerafa a fol.381 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 111 tas-sentena appellata.) Dwar dan, din il-Qorti tippreciza li id-diskors ta' rifuzjoni ta' ghoxrin elf sar fil-prezenza ta' Martin Bowerman u Vince Sladden. Ma jirrizultax jekk kinitx prezenti Leonie Zerafa.

[21] Fol.16 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata 112 tas-sentena appellata.)

minn dawn il-flejjes ghar-raguni li ghaliha gew mghoddijin lilu. Il-Prosekuzzjoni ma kelliex l-obbligu li tipprova l-uzu li l-imputat ghamel minnhom, kien bizzejjed li tipprova li ma ghamilx uzu skont dak specifikat, irrispetitvament jekk uzahomx biex xtara xi haga, jekk iddepozitahomx jew jekk tahomx karita' lil xi hadd. Il-fatt li l-flejjes inghatghu lilu ghal raguni specifiku u l-appellant ma ghamilx uzu ta' dawn il-flejjes ghar-raguni specifika moghtija lilu izda minflokk uhud dawn il-flejjes instabu fir-residenza tal-appellant huwa sinifikattiv li dak li ghamel l-appellant ghamlu ghal profit tieghu jew ta' haddiehor. Ir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia tikkonferma li kien hemm numru ta' boroz li gew imnizzlin darbtejn fid-dokumenti, fost anke tibdil f'numri, sinikattiv li l-appellant ghamel min kollox biex jostura l-approprjazzjoni indebita. L-espert Joseph Mallia fix-xhieda tieghu tal-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) jispjega ukoll li '*gie iccekjat fejn irrizulta doppju, kif ukoll hemm affarijiet ohra bhall nunri manipolati u moghtijjin b'tipex li permezz ta' ultraviolet ukoll hareg in-numru ta' taht. Dankollu spjegat fir-rapport tieghi...*' Mistoqsi '*inti semmejt li saret manipuklazzjoni fuq diversi numri. Inti jirrizultalek jekk dik il-kalligrafija hijiex kompattibli ma tas-Sur Callejja jekk jghogbok*' wiegeb '*Jiena ghamilt ukoll ezami komperattiv kemm tan-numri kif ukoll tal-firem, u irrizulta f'hafna minnhom li hua ta' s-Sur. Kienu kompattibli ma tas-Sur Calleja.*' Fl-istqarrija rilaxxata mill-appellant, huwa jistqar li '*dawk il-boroz illi suppost kellhom jigu iddepozitati f'dak il-jum partikolari, jien kont nimmarkahom u nnzilhom xorta f'din l-ircevuta wara illi dawn il-boroz bil-flus ikunu gew migbura mis-security. Ghalekk f'dan il-file inti ghandek issib illi certu boroz huma fil-fatt imnizzlin darbtejn. Darba li turi il-veru deposit ta' dik il-borza u darba ohra li turi deposit finta. B'hekk jien on paper kien ikolli ix-xoghol qed jidher illi mixi b'mod normali.*

*Ezempju ta' dan huma id-dokument datat 03 ta' Lulju 2017* [*Evidence Bag 00185992*] *u id-dkument datat 04 ta' Lulju 2017* [*Evidence Bag 00185994*] *fejn fuqhom hemm imnizzel in-numru ta' l-smal bag 2612984 fuq iz-zewg dokumenti rispettivi.*'

L-Ewwel Qorti qieset ukoll li anke jekk ghal grazzja tal-argument, l-imputat jigi emnut li rema €70,000, dak li sehh wara hu agir li jinkwadra perferrament fir-reat ta' approprijazzjoni indebita. Ikkunsidrat li gie ippruvat li l-flejjes tal-gurnata gew mghoddija lill-appellant minn Identity Malta sabiex dawn jigu depozitati l-bank f'isimha, li mhux talli ma gewx depozitat u dan ghal medda ta' zmien, talli kien izomm ghandu dhul dovut lil Identity Malta u sahansitra jiehodhom mieghu d-dar.

Irrizulta ukoll li d-deposit bags misjuba fir-residenza tal-appellant kellhom ammonti anqas mid-dak li suppost kellhom depozitati fihom.

Din il-Qorti taghmilha cara li qieghda tikkonferma l-htija ta' din l-imputazzjoni mhux abbazi tac-cekk ta' erbgha u erbghin elf, seba' mija u tnejn u tmenin ewro u erbatax-il centezmu (€44,782.14) li kopja tieghu tinsabb esebita a fol 474 immarkata bhala Dok DG4 li rrizulta li kien depozitat fil-kont bankarju tal-imputat. David Galea fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) in rapprezentanza ta' APS Bank limited kien xehed dwar depoziti ta' cekkijiet fil-kont bankarju tal-imputat inkluz id-depozitu ta' erbgha u erbghin elf ewro (€44,000) fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) li skont id-dokumentazzjoni li ghandu l-Bank jghid li huwa relatat ma' bejgh ta' proprjeta' u huwa cheque tal-HSBC. Il-prosekuzzjoni ma pruvatx x'kien jirraprezenta dan ic-*cheque* mahrug minn *Mortgage Business Service Contracts* tal-HSBC u lanqas dwar il-kancellamenti ta' ipoteki li saru, u ghalhekk din il-Qorti tqis li ma gie ppruva l-ebda ness bejn l-ammonti li l-imputat approprja ruhu minnhom u dan ic-cekk li gie depozitat fil-kont bankarju tieghu. Dan qieghed anke jinghad stante li mir-ricerki dwar l-assi tal-imputat skont id-dokumenti annessi mar-relazzjoni ta' Dr John Seychell Navarro, minn fol 1333 et sequitur jirrizulta li fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-imputat u martu bieghew u trasferew fond soggett ghal cens anwu u perpettwu u dan versu l-prezz ta' mija u tlettax-il elf ewro (€113,000). Jirrizulta ukol li fl-istess data kienu gew ikkancellati numru ta' ipoteki.

Ic-cekk li l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghalih, li kopja tieghu tinsab a fol 414 u mmarkat bhala Dok DG4 jammonta ghal €44,782.14 u huwa datat it-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017), data vicin id-data meta inbieghet din il-proprjeta' mill-appellant lil terzi u ghalhekk ma ghandu jkun hemm l-ebda inferenza dwar dan ic-cekk li gie depozitat fil-kont bankarju tal-imputat fil-granet sussegwenti u ghalhekk ma ghandhom isiru l-ebda suppozizzjonijiet dwar dan stante li din il-Qorti ma tqis li gie pruvat ness bejn l-approprjazzjoni indebita u d-depozitu ta' dan ic-cekk fil-kont bankarju tal-appellant.

Minkejja dan, tressqu bizzejjed provi kif gia inghad li jikkonfermaw li l-imputat ghamel approprjazzjoni indebita tal-flejjes fdati lilu meta huwa ma ghaddihomx lil

persuna inkarigata mis-sigurta li twassal dawn il-flejjes il-bank, fejn uhud minn dawn l-ammonti instabu fir-residenza tal-appellant stess.

Din il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba s-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni, tenut anke kont tal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni vantagguza li tisma' x-xhieda jiddeponu quddiemha inkluz l-appellant u ghalhekk tasal ghal konkluzjonijiet taghha dwar il-krebilita' o meno tal-appellant. Dan l-aggravju qieghed ghar-ragunijiet ikkunsidrati jigi michud.

Ikkunsidrat;

L-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati ukoll tal-hames imputazzjoni u cioe' li '*fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentament ghamel uzu min xi dokument iehor falsifikat.*' Minkejja li l-appellant talab li anke jigi dikjarat mhux hati tal-hames (5) imputazzjoni, l-imputat ma ressaq l-ebda aggravju dwar is-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra, ghajr li tikkonferma l-htija ta' din l-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illli dwar piena, l-appellant fl-appell tieghu jaghmel referenza ghal raguni wara l-ghoti ta' piena u cioe' dwar ir-riforma tal-hati, jistaqsi l-appellant x'sejjer jiehu minn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, jistaqsi fost affarijiet ohra jekk jezisti xi dubju li kemm l-izball li l-appellant ghamel fuq il-post tax-xoghol kif ukoll dawn il-proceduri mhux ser jittimbraw hajjet l-appellant ghal dejjem. Jissottometti li l-piena inflitta kemm fil-kwalita' taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.

Fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE'</u>**[22] gie kkunsidrat li:

'*6. Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistħarreġ jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru 234 tal-2019)

*żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx ħati jew le, u jekk ħati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-*

*Maġistrati ma tkunx ħadet xi żball fl-analiżi tal-provi jew tal-Liġi, allura s-sentenza tagħha tibqa' torbot u din il-Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew tħassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Maġistrati tkun ħadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d- dmir li dak l-iżball tirranġah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***manifestament eċċessiva*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**__aspett retributtiv__** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**__aspett preventiv__** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel*

*il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig,*

*għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

L-Ewwel Qorti qieset il-hames imputazzjoni bhala li serviet bhala mezz *ai fini* ghall-approprjazzjoni indebita u cioe' tat-tieni imputazzjoni u kkundannat lill-appellant ghal erba' (4) snin prigunerija. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnatlu jhallas l-ammont ta' erbat'elef, mitejn u tnejn u erbghin ewro u tlettax-il centezmuu (€4,242.13) rapprezentanti spejjez peritali. In oltre' ordnat lill-appellant ihallas lura lil Agenzija Identity Malta s-somma ta' erbgha u erbghin elf, erba' mija u sitta u hamsin ewro (€44,456) rapprezentanti l-bilanc tas-somma dovuta.

Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li l-ammont in kwistjoni huwa wiehed sostanzjali, tal-fatt li l-agir kriminuz tal-appellant rrikorra fuq medda ta' zmien u jirrizulta li l-imputat abbuza mill-fiducja moghtija lilu qua impjegat u gialadarba l-piena inflitta hija fil-parametri tal-ligi u lanqas hija l-massimu, ma ssib l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena imposta mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kemm fil-htija kif ukoll fil-piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur